IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2023
COM(2023) 724 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-attività tal-EURES Lulju 2020 - Ġunju 2022

Sottomess skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2016/589

Werrej

SOMMARJU EŻEKUTTIV 1

AKRONIMI EWLENIN 3

1 INTRODUZZJONI 4

2 L-ATTIVITAJIET EWLENIN TAN-NETWORK TAL-EURES: LULJU 2020 – ĠUNJU 2022 6

2.1 Attivitajiet fil-pajjiżi tal-EURES 6

2.1.1 Servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-ħaddiema u għall-impjegaturi 7

2.1.2 Servizzi ta' appoġġ speċifiċi 7

2.1.3 Ir-riżorsi u l-governanza 9

2.2 Attivitajiet ta' appoġġ orizzontali mill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES 12

2.2.1 Appoġġ għall-koordinazzjoni u l-governanza 12

2.2.2 L-operat u l-iżvilupp tal-portal tal-EURES u l-appoġġ għall-IT relatat 12

2.2.3 It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali 13

2.2.4 Il-bini ta' network, l-iskambju ta' prattika tajba u tagħlim reċiproku 14

2.2.5 Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni 14

2.2.6 Analiżi tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali 15

2.2.7 L-iżvilupp ta' struttura xierqa ta' kooperazzjoni u awtorizzazzjoni għall-apprendistati u t-traineeships 15

2.2.8 Ir-riżorsi finanzjarji 15

3 IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT FL-ISTATI MEMBRI 15

3.1 Il-kompożizzjoni tan-network u kwistjonijiet organizzazzjonali 16

3.1.1 Implimentazzjoni 16

3.1.2 Sfidi 16

3.2 Il-governanza u l-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet barra n-network tal-EURES 17

3.2.1 Implimentazzjoni 17

3.2.2 Sfidi 17

3.3 It-twessigħ tan-network 17

3.3.1 Implimentazzjoni 17

3.3.2 Sfidi 18

3.4 Postijiet tax-xogħol vakanti u skambji ta' CVs 18

3.4.1 Implimentazzjoni 18
3.4.2 Sfidi 19
3.5 Servizzi ta' appoġġ 19
3.5.1 Implimentazzjoni 19
3.5.2 Sfidi 20
3.6 Skambju ta' informazzjoni, programmazzjoni, u kejl tal-prestazzjoni 20
3.6.1 Implimentazzjoni 20
3.6.2 Sfidi 21
3.7 Rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-perjodu ta' rapportar preċedenti. 21
4 L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT MILL-KUMMISSJONI EWROPEA U L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-KOORDINAZZJONI 22
4.1 Rekwiżiti tar-Regolament 22
4.2 Implimentazzjoni 22
4.3 Sfidi 23
4.4 Rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-perjodu ta' rapportar preċedenti. 23
5 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET 25
5.1 Konklużjonijiet 25
5.2 Rakkomandazzjonijiet lill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni, ġestit mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol 26
5.3 Passi ewlenin għall-Kummissjoni 28

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-Rapport Biennali jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa min-network tal-EURES bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2022 kif ukoll deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES (UE) 2016/589 minn Ġunju 2022 kif previst fl-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament. Ta' min jinnota li l-perjodu kopert fir-rapport kien affettwat mill-pandemija tal-COVID-19 li kkawżat l-għeluq tal-fruntieri, diversi lockdowns u vjaġġar ristrett.

Il-EURES, li tnieda fl-1994, huwa network ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea (KE), l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) nazzjonali u organizzazzjonijiet ammessi oħra fil-pajjiżi kollha tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja, fl-Iżvizzera u, f'partijiet tal-perjodu ta' referenza, fir-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem: il-"pajjiżi tal-EURES"). L-għan ewlieni tan-network tal-EURES huwa l-appoġġ ta' mobilità tal-forza tax-xogħol ġusta intra-UE. Is-servizzi tal-EURES jitwasslu permezz tal-persunal tal-EURES madwar il-pajjiżi kollha tal-EURES, u l-portal Ewropew dwar il-mobilità fix-xogħol ("il-portal tal-EURES").

Kif meħtieġ fir-regolament dwar il-EURES, fl-2021 il-Kummissjoni ppubblikat evalwazzjoni *ex post* tal-attivitajiet tal-EURES u tal-effetti ta' dan ir-regolament. F'din l-evalwazzjoni ġew identifikati diversi oqsma ta' titjib, u dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar mit-tieni semestru tal-2020 sal-ewwel semestru tal-2022.

In-network tal-EURES kien attiv ħafna bejn Lulju 2020 u Ġunju 2022. Il-persunal tan-network tal-EURES ittratta u pproċessa 445 206 applikazzjonijiet għal impjieg u 718 168 post tax-xogħol vakanti, u ġew organizzati 18 935 avveniment fin-network kollu.

Fil-livell operazzjonali, l-attivitajiet ewlenin tal-pajjiżi tal-EURES matul il-perjodu ta' implimentazzjoni kurrenti ffukaw fuq il-forniment ta' servizzi ta' appoġġ ġenerali lill-impjegaturi u lil dawk li qed ifittxu impjieg. Barra minn hekk, servizzi speċifiċi ta' appoġġ dwar l-apprendistati u t-traineeships, assistenza ta' wara r-reklutaġġ u skemi ta' mobilità ġew ipprovduti fin-network kollu. Matul il-perjodu ta' rapportar, il-funzjoni tal-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO) tal-EURES ġiet ittrasferita mill-Kummissjoni għall-ELA wara l-ħolqien ta' dan tal-aħħar. Madankollu, il-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-aspetti leġiżlattivi u ta' politika tal-EURES, kif ukoll għall-iskemi ta' finanzjament fl-ambitu tal-EURES.

Fil-livell regolatorju, ġew irrapportati diversi avvanzi fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES mill-pajjiżi tal-EURES, inklużi:

- Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-EURES għandhom fis-seħħ sistema ta' ammissjoni għall-Membri u s-Sħab potenzjali l-ġodda biex ikabbru n-networks tagħhom u diġà daħlu diversi Membri u Sħab ġodda. Ir-regolament dwar il-EURES jiftaħ għas-servizzi privati tal-impjiegi u għal servizzi relatati biex ikunu sħab fin-network. Madankollu, il-progress fil-ftuħ tan-network għal sħab oħra għadu limitat.
- Il-pajjiżi kollha tal-EURES huma konnessi mat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti fil-portal tal-EURES, u l-maġġoranza tal-pajjiżi jittrasferixxu CVs mil-livell nazzjonali għall-portal tal-EURES. Madankollu, it-trasferiment ta' traineeships u apprendistati għall-portal tal-EURES huwa limitat għal nofs il-pajjiżi tal-EURES.
- Kważi l-pajjiżi kollha tal-EURES irnexxielhom jadottaw il-klassifikazzjoni Ewropea ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO)[1] jew irnexxielhom jimmappjaw il-klassifikazzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-ESCO u xi pajjiżi tal-EURES bdew jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti u l-applikazzjonijiet għall-impjieg ikkodifikati mal-ESCO lejn il-portal tal-EURES.

Dan ir-rapport janalizza jekk u kif twettqet l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES. Xi sfidi u ostakli diskussi f'dan ir-rapport għad iridu jiġu indirizzati mill-Uffiċċji Nazzjonali ta'

Koordinazzjoni (NCOs). B'mod partikolari, it-tkabbir tan-network bl-ammissjoni ta' Membri u Sħab ġodda naqas b'mod sinifikanti minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Għad hemm ukoll lok għal titjib f'dak li għandu x'jaqsam mal-għarfien tal-marka tal-EURES madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar trażmissjoni (awtomatizzata) ta' postijiet tax-xogħol vakanti, kif ukoll aktar konformità mas-CVs u mal-applikazzjonijiet għax-xogħol mibgħuta lill-portal tal-EURES mar-rekwiżiti regolatorji stabbiliti mir-Regolament dwar il-EURES.

Fil-futur, biex jilħqu l-objettivi tar-regolament dwar il-EURES u biex jiżguraw ulterjorment mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol intra-UE, huwa rrakkomandat li l-pajjiżi tal-EURES isaħħu l-isforzi tagħhom biex idaħħlu Membri u Sħab ġodda. Fid-dawl taż-żieda fid-daqs tan-network tal-EURES, għandha ssir riflessjoni mill-pajjiżi tal-EURES dwar il-governanza interna u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tagħhom biex jappoġġaw in-network li qed jikber. F'perjodu ta' nuqqas kbir ta' ħaddiema u ħiliet, il-EURES għadu mhux qed jilħaq il-potenzjal tiegħu li joffri tweġibiet lill-UE għan-nuqqasijiet preżenti f'ħafna setturi u reġjuni. Sabiex ikun jista' jiġi żgurat tqabbil rilevanti, effettiv u effiċjenti tal-impjiegi transfruntieri, il-pajjiżi tal-EURES jeħtieġ ukoll li jkomplu bl-isforzi tagħhom fir-rigward tal-awtomatizzazzjoni tat-trasferiment tal-postijiet tax-xogħol vakanti u tas-CVs, filwaqt li n-network għandu jżomm bħala prijorità t-tlestija tal-immappjar li għaddej tas-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni għall-ESCO.

[1] L-ESCO hija l-klassifikazzjoni multilingwi Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq https://esco.ec.europa.eu/mt.

AKRONIMI EWLENIN

Akronimu	Deskrizzjoni
API	Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet
CBP	Sħubijiet Transfruntieri
CV	*Curriculum Vitae*
EaSI	Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali
KE	Kummissjoni Ewropea
ECG	Grupp ta' Koordinazzjoni tal-EURES
ECO	Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea
ELA	Awtorità Ewropea tax-Xogħol
EOJD	Jiem Ewropej tal-Impjiegi Online
ESCO	Ħiliet, Kompetenzi u Impjiegi Ewropej
FSE+	Fond Soċjali Ewropew Plus
Portal tal-EURES	Portal Ewropew dwar il-mobilità fix-xogħol
UE	Unjoni Ewropea
FTE	Ekwivalenti għal Full Time
JV	Post tax-Xogħol Vakanti
QFP	Qafas Finanzjarju Pluriennali
NCO	Uffiċċju Nazzjonali ta' Koordinazzjoni
PC	Ċiklu ta' Programmazzjoni
PES	Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi
PMS	Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni
SDG	Gateway Diġitali Unika
TMS	Skemi ta' Mobilità Mmirata
UK	Ir-Renju Unit
YFEJ	L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek
2FA	Awtentikazzjoni b'Żewġ Fatturi

1 INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Biennali jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet imwettqa min-network tal-EURES bejn Lulju 2020 u Ġunju 2022 kif ukoll deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES (UE) 2016/589 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") abbażi tan-notifiki tal-Istati Membri minn Ġunju 2022 kif previst fl-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-operazzjonijiet tal-EURES kienu affettwati b'mod sinifikanti mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-partijiet ikkonċernati kellhom iħabbtu wiċċhom ma' fruntieri magħluqa, lockdowns, ivvjaġġar ristrett matul perjodi estiżi, u dan ikkawża ħafna inċertezza u pressjoni fuqhom kollha. It-tieni, fl-4 ta' Marzu 2022, wara deċiżjoni unanima mill-Istati Membri, ġiet attivata d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għal dawk in-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni mhux ġustifikata tar-Russja fl-Ukrajna. Din tat protezzjoni lil miljuni ta' persuni spostati u pprovditilhom aċċess għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-kura tas-saħħa. F'xi pajjiżi tal-EURES, is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) kellhom jagħtu prijorità lill-kompiti relatati mal-akkoljenza ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna fit-territorju tagħhom. It-tielet, minn perspettiva organizzazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1149, ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES (ECO) ġiet ittrasferita mill-Kummissjoni Ewropea (KE) lill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u t-trasferiment tlesta f'Mejju 2021. Fl-aħħar nett, evalwazzjoni *ex post* estensiva tal-EURES, kif meħtieġ mir-Regolament, ġiet iffinalizzata mill-Kummissjoni fl-2021[2], 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Il-EURES, li tnieda fl-1994 huwa network ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) nazzjonali u Membri u Sħab oħra, fil-pajjiżi kollha tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja, fl-Iżvizzera u fir-Renju Unit[3] (minn hawn 'il quddiem: il-"pajjiżi tal-EURES"). Il-EURES jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema billi jipprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ għall-impjiegi lill-ħaddiema u lill-impjegaturi, u billi jtejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet membri tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2016/589 dwar il-EURES ħoloq network akbar u aktar b'saħħtu ta' servizzi Ewropej tal-impjiegi, kemm pubbliċi kif ukoll privati, sabiex ikun hemm skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol bejn il-fruntieri b'appoġġ għall-kollokamenti fl-UE/fiż-żona ŻEE. Il-bidliet ewlenin introdotti bir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES meta mqabbla mal-bażi legali preċedenti huma marbuta mat-trasparenza mtejba permezz ta' żieda fl-għadd ta' impjiegi rreklamati fuq il-Portal tal-EURES, inklużi l-apprendistati u t-traineeships li huma soġġetti għal relazzjoni ta' impjieg; tqabbil aħjar online tal-postijiet tax-xogħol vakanti u s-CVs; forniment ta' pakkett minimu miftiehem ta' servizzi għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi; u t-

[2] Għal aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-EURES: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8370&furtherPubs=yes.
[3] Is-sħubija tar-Renju Unit fil-EURES intemmet fil-31 ta' Diċembru 2020

tkabbir tan-network. Ir-Regolament huwa appoġġat minn sitt deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni[4] li jiżguraw implimentazzjoni uniformi fil-pajjiżi tal-EURES.

Wara kważi 30 sena ta' attivitajiet ta' suċċess, il-EURES jifforma parti essenzjali mill-istruttura ta' appoġġ tas-suq tax-xogħol li l-UE żviluppat matul dawn l-aħħar deċennji biex tappoġġa l-mobilità ġusta u ttejjeb il-prestazzjoni soċjali u ekonomika tagħha. Is-servizzi tal-EURES jingħataw permezz ta' żewġ kanali komplementari — in-network uman tal-EURES, li jinkludi l-persunal tal-EURES fin-network kollu, u l-portal Ewropew dwar il-Mobbiltà fix-Xogħol (il-Portal tal-EURES) b'għadd ta' għodod ta' servizzi online disponibbli.

Is-servizzi tal-EURES għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1255 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar mudell għad-deskrizzjoni tas-sistemi u l-proċeduri nazzjonali biex
idaħħlu organizzazzjonijiet bħala Membri u Sħab tal-EURES.
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1256 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-mudelli u l-proċeduri għall-iskambju ta'
informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma nazzjonali tan-network tal-EURES fil-livell tal-Unjoni.
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1257 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-istandards u l-formati tekniċi meħtieġa għal
sistema uniformi li tippermetti t-tqabbil ta' postijiet tax-xogħol battala ma' applikazzjonijiet għax-xogħol u CVs fuq il-portal EURES.
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170 tat-2 ta' Frar 2018 dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-*data*
sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-network tal-EURES.
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1020 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni u l-aġġornament tal-lista ta' ħiliet,
kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea għall-fini tat-tlaqqigħ awtomatizzat permezz
tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1021 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-adozzjoni ta' standards u formati tekniċi
meħtieġa għall-operazzjoni tat-tlaqqigħ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea
u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni Ewropea.

- Għajnuna lil **min qed ifittex ix-xogħol** u lill-impjegaturi biex **isibu kandidati** mill-Ewropa kollha;
- **Tlaqqigħ** tal-postijiet tax-xogħol battala mas-CVs fil-portal tal-EURES;
- **Informazzjoni, gwida** u servizzi oħrajn dwar il-mobilità tax-xogħol għall-ħaddiema u l-impjegaturi;
- **Assistenza ta' wara r-reklutaġġ**;
- Aċċess għal informazzjoni dwar aspetti tal-**kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol** bħat-tassazzjoni, il-pensjonijiet, l-assikurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà soċjali fil-pajjiżi tal-EURES;
- Servizzi ta' appoġġ speċifiċi għall-ħaddiema transfruntiera u l-impjegaturi f'**reġjuni transfruntiera**;
- Appoġġ lil gruppi speċifiċi fil-kuntest tal-**iskemi tal-mobilità mmirati** marbuta mal-EURES;
- Appoġġ lil avvenimenti ta' reklutaġġ dinamiċi permezz tal-pjattaforma **Jiem Ewropej Online tal-Impjiegi (EOJD)**.

F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-EURES, in-network tal-EURES huwa magħmul minn:

- L-Uffiċċji Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (NCOs) maħtura mill-pajjiżi tal-EURES u ġeneralment marbuta mas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) tagħhom jew mal-Ministeru tax-Xogħol tagħhom;
- l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni (ECO), issa ospitat mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, jipprovdi appoġġ orizzontali lill-NCOs;
- Membri u Sħab oħra tal-EURES, li, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-EURES huma l-organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet operazzjonali fin-network tal-EURES bħas-servizzi privati tal-impjiegi, is-sħab soċjali, u l-universitajiet.

Flimkien, il-Kummissjoni, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, u l-NCOs jikkostitwixxu l-Grupp Ewropew ta' Koordinazzjoni (ECG) tan-network tal-EURES, li għandu rwol ta' koordinazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet u l-funzjonament tan-network.

2 L-ATTIVITAJIET EWLENIN TAN-NETWORK TAL-EURES: LULJU 2020 – ĠUNJU 2022

Din it-taqsima tiddeskrivi l-attivitajiet ewlenin tan-network tal-EURES matul il-perjodu ta' rapportar.

2.1 Attivitajiet fil-pajjiżi tal-EURES

Il-komunikazzjoni mal-impjegaturi u mal-persuni li qed ifittxu impjieg biex jiġu pprovduti b'appoġġ matul u wara l-proċess ta' reklutaġġ hija attività ewlenija tal-pajjiżi tal-EURES, imqassma f'servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċifiċi.

2.1.1 Servizzi ta' appoġġ ġenerali għall-ħaddiema u għall-impjegaturi

2.1.1.1 Attivitajiet ta' tqabbil u ta' kollokament

Bejn Lulju 2020 u Ġunju 2022, il-persunal tal-EURES immaniġġa u pproċessa **445 206 applikazzjonijiet għal impjieg** u **718 168 post tax-xogħol vakanti, ammont li huwa ferm aktar baxx mill-perjodu ta' rapportar preċedenti, prinċipalment minħabba t-tnaqqis drammatiku fir-ritmu tal-attivitajiet tal-EURES matul il-pandemija u l-allokazzjoni tal-persunal tal-EURES għal attivitajiet oħra tal-PES**. Ġew organizzati **18 935** avveniment fin-network kollu. Minn dawn, **73 %** kienu avvenimenti ta' informazzjoni, **9 %** kienu avvenimenti ta' reklutaġġ u t-**18 %** li jifdal kienu taħlita ta' attivitajiet ta' reklutaġġ u ta' informazzjoni.

Sa tmiem it-tieni semestru tal-2022, **93 186 persuna li qed ifittxu impjieg** u **5 919-il impjegatur** ġew **irreġistrati fuq il-portal tal-EURES permezz tal-funzjoni ta' self-service tiegħu**. Abbażi ta' stimi konservattivi[5], in-network tal-EURES iffaċilita **36 154 kollokament** fit-tieni semestru tal-2020, **24 463 kollokament** fl-2021 u **25 163 kollokament** fl-ewwel semestru tal-2022[6], kemm permezz tal-portal tal-EURES kif ukoll permezz tan-networks nazzjonali tal-EURES.

2.1.1.2 Informazzjoni u gwida

Eżempji ta' attivitajiet ta' informazzjoni u gwida għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi pprovduti mill-persunal tal-EURES jinkludu konsulenza "one-to-one" wiċċ imb wiċċ u virtwali, appoġġ rigward l-abbozzar ta' postijiet tax-xogħol vakanti, l-organizzazzjoni ta' workshops u avvenimenti online. B'mod ġenerali, bejn Lulju 2020 u Ġunju 2022 ġew irrapportati **5 516 313**-il kuntatt individwali mal-ħaddiema u **372 616** mal-impjegaturi. Fir-rigward tal-kuntatti mal-ħaddiema u mal-impjegaturi, il-biċċa l-kbira tal-kuntatti mill-konsulenti tal-EURES kienu ma' ħaddiema minn pajjiż ieħor tal-EURES (56 %) u 27 % tal-kuntatti mal-impjegaturi saru minn konsulenti tal-EURES ma' impjegaturi minn pajjiż ieħor tal-EURES. Is-suġġetti ewlenin diskussi mal-ħaddiema kienu l-kollokamenti (40 % tal-kuntatti), filwaqt li l-informazzjoni ġenerali dwar il-EURES (39 % tal-kuntatti) kienet l-aktar suġġett popolari diskuss mal-impjegaturi.

2.1.2 Servizzi ta' appoġġ speċifiċi

2.1.2.1 Appoġġ f'reġjuni transfruntieri

Bejn l-2020 u l-2022, **tmien Sħubijiet Transfruntiera (CBPs)** ibbenefikaw mill-appoġġ tal-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)[7]. Is-sħubijiet transfruntieri tal-EURES huma raggruppamenti ta' Membri jew Sħab tal-EURES u, meta rilevanti, partijiet ikkonċernati oħra barra min-network tal-EURES, li jistabbilixxu strutturi reġjonali għall-kooperazzjoni fit-tul f'reġjuni transfruntieri biex joffru servizzi fl-oqsma tal-kollokament, ir-reklutaġġ, u l-informazzjoni għall-ħaddiema transfruntieri.

Fl-2021 tnediet sejħa ġdida għall-proposti, li tippermetti lil **seba' CBPs** jirċievu għotjiet mill-fergħa tal-EaSI tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għall-perjodu bejn l-2022 u l-2024. B'mod globali,

[5] Il-kombinazzjoni tar-riżultati mis-Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni tal-EURES u l-istimi bbażati fuq l-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti.

[6] Ta' min jinnota li l-ħaddiema/il-kumpaniji mhux dejjem jirrapportaw dwar din id-*data*.

[7] L-appoġġ finanzjarju għal sħubijiet transfruntieri permezz ta' sejħiet għal proposti bħal VP/2019/006. EaSI – EURES "Is-sħubijiet transfruntiera u l-appoġġ għall-kooperazzjoni dwar il-mobilità intra-UE għall-pajjiżi taż-ŻEE u s-sħab soċjali huma implimentati mill-Kummissjoni".

is-CBPs tal-EURES irrapportaw **162 160 kuntatt individwali ma' persuni li qed ifittxu impjieg**, li minnhom 39 022 kienu kuntatt matul it-tieni semestru tal-2020, 97 971 kuntatt fl-2021 u 25 167 kuntatt matul l-ewwel semestru tal-2022. B'mod globali, is-CBPs tal-EURES irrapportaw **28 079 kuntatt individwali ma' impjegaturi**, li minnhom 8 096 kuntatt kienu matul it-tieni semestru tal-2020, 16 727 matul l-2021 u 3 256 matul l-ewwel semestru tal-2022. It-tnaqqis fil-kuntatti fl-ewwel nofs tal-2022 huwa dovut għal żewġ proġetti li ntemmu f'Diċembru 2021, u l-proġetti li għadhom kif ingħataw li raw bidu bil-mod ta' attivitajiet sal-ħarifa tal-2022. Saru aktar minn **11 694 tqabbila** bis-saħħa tas-CBPs fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport. L-enfasi tal-attivitajiet tas-CBPs kienet l-aktar fuq l-**għoti ta' informazzjoni** lil dawk li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi, u s-suġġetti l-aktar diskussi maż-żewġ gruppi kienu s-sigurtà soċjali, il-kollokamenti, u mistoqsijiet ġenerali dwar il-EURES.

2.1.2.2 L-Iskema ta' Mobilità Mmirata tal-EURES (TMS)

Fl-2019, il-Kummissjoni stabbiliet azzjoni integrata: l-"Iskema ta' Mobilità Mmirata tal-EURES (TMS)" biex tgħaqqad żewġ skemi ta' mobilità professjonali intra-UE li għaddejjin bħalissa, "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" (YFEJ) u "Reactivate" u tiżgura l-kontinwità u l-iżvilupp ulterjuri tagħhom bħala parti mit-TMS. L-objettiv ġenerali tat-TMS huwa li tgħin lil dawk li qed ifittxu impjieg mill-UE/miż-ŻEE (b'mod partikolari l-persuni qiegħda u l-gruppi vulnerabbli) isibu impjieg, traineeship, apprendistat fi Stat Membru ieħor tal-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE, u lill-impjegaturi (speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) jimlew il-postijiet vakanti tagħhom li diffiċli jimtlew billi jirreklutaw ħaddiema minn pajjiżi oħra tal-UE/taż-ŻEE. Bħalissa, l-azzjoni qed titwettaq mill-Iżvezja, mill-Ġermanja u mill-Italja bħala pajjiżi ewlenin[8]. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-implimentazzjoni tal-proġetti differenti fl-2020 u fl-2021 kienet naqset[9].

2.1.2.3 L-assistenza ta' wara r-reklutaġġ

L-assistenza ta' wara r-reklutaġġ għandha l-għan li tiżgura l-aħjar integrazzjoni possibbli tal-ħaddiema mobbli fil-pożizzjonijiet il-ġodda tagħhom barra mill-pajjiż. Il-pajjiżi tal-EURES iffukaw fuq l-għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema u lill-impjegaturi qabel ma jiffirmaw kuntratt ta' impjieg. B'mod ġenerali, **18-il pajjiż tal-EURES** irrapportaw li organizzaw attivitajiet ta' wara r-reklutaġġ fl-2020 u fl-2021 u **24 pajjiż tal-EURES** kienu ppjanaw li jwettqu dawn l-attivitajiet fl-2022, abbażi tal-programmi ta' ħidma tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet kienu jikkonsistu fl-għoti ta' informazzjoni u gwida dwar kwistjonijiet ta' taxxa u sigurtà soċjali kif ukoll gwida dwar is-sejbien ta' akkomodazzjoni, impjiegi għall-konjuġi u edukazzjoni għall-familji tagħhom. Xi pajjiżi tal-EURES imorru saħansitra lil hinn minn dan għall-impjegati ġodda u għandhom l-għan li jżommuhom billi joffrulhom korsijiet tal-lingwa b'xejn kif ukoll apprendiment elettroniku biex isibu impjiegi fit-tul biex jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom.

2.1.2.4 Appoġġ għaż-żgħażagħ – apprendistati u traineeships

L-attivitajiet marbuta ma' apprendistati u traineeships li huma soġġetti għal relazzjoni ta' impjieg raw żieda meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti. 19-il pajjiż tal-EURES irrapportaw li organizzaw attivitajiet relatati mal-appoġġ ta' apprendistati u traineeships fl-2020, 16-il pajjiż tal-

[8] Matul it-tieni semestru tal-2020, il-proġetti kienu mmexxija mill-Iżvezja u mill-Ġermanja u matul l-ewwel semestru tal-2021, kien hemm it-tieni proġett immexxi mill-Ġermanja u proġett ġdid immexxi mill-Italja.

[9] Minn Jannar 2020 sa Ġunju 2020, il-proġetti tat-TMS ippermettew 3 607 kollokamenti, fejn ġew appoġġati 239 intrapriża żgħira u ta' daqs medju fi 30 pajjiż.

EURES organizzaw attivitajiet bħal dawn fl-2021, u 21 pajjiż tal-EURES ippjanaw li jorganizzaw dawn l-attivitajiet fl-2022, abbażi tal-programmi ta' ħidma tagħhom. Ir-raġunijiet għaliex xi pajjiżi tal-EURES ma jipprovdux dan it-tip ta' attivitajiet huma minħabba li ma jaqgħux fl-ambitu tas-servizzi tal-PES tal-pajjiż u/jew dawn il-prattiki ma humiex komuni f'pajjiżhom.

F'xi pajjiżi, l-offerti ta' apprendistat u ta' traineeship jiġu skambjati fuq il-portal tal-EURES, b'total ta' **212 726 apprendistat** u **17 001 internship** li ġew offruti matul il-perjodu ta' referenza.

2.1.3 Ir-riżorsi u l-governanza

2.1.3.1 Riżorsi umani

Il-persunal tal-EURES jinkludi kemm konsulenti li jaħdmu fuq il-EURES fil-PES nazzjonali jew reġjonali kif ukoll f'organizzazzjonijiet Membri jew Sħab tal-EURES oħra[10]. B'mod ġenerali, l-għadd ta' membri tal-persunal tal-EURES żdied bi 13 % filwaqt li l-għadd ta' ekwivalenti full-time (FTE) naqas bi 11 % matul il-perjodu ta' rapportar, li jindika li ġew allokati aktar konsulenti għall-kompiti tal-EURES iżda li b'mod ġenerali ġew iddedikati inqas riżorsi lill-EURES f'termini ta' FTEs. Fi tmiem it-tieni semestru tal-2020, in-network tal-EURES kellu **2 122 membru tal-persunal tal-EURES** (**1 311**). Fi tmiem l-2021, l-għadd ta' membri tal-persunal attivi tal-EURES żdied għal **2 421**, iżda l-għadd ta' FTE naqas għal 1 100. Matul l-ewwel semestru tal-2022, l-għadd ta' membri tal-persunal attivi tal-EURES naqas bi ftit għal **2 405** u l-għadd ta' FTE żdied għal 1 163[11].

2.1.3.2 Riżorsi finanzjarji

Il-kompożizzjoni tal-baġit ta' ħidma tal-NCOs u d-daqs ivarjaw minn pajjiż tal-EURES għal ieħor. Skont l-informazzjoni pprovduta fil-programmi ta' ħidma tal-NCOs[12], seba' pajjiżi tal-EURES qalu li rċevew **finanzjament** Ewropew, disa' pajjiżi tal-EURES qalu li rċevew biss finanzjament nazzjonali u erbgħa qalu li rċevew biss **tipi "oħra" ta' finanzjament**. Il-bqija tal-pajjiżi tal-EURES qalu li rċevew taħlita ta' finanzjament minn sorsi differenti.

Barra minn hekk, huma disponibbli wkoll riżorsi finanzjarji għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-EURES fl-ambitu tal-**Programm EaSI**[13] (mill-2021, l-assi tal-EURES sar fergħa fl-ambitu tal-**FSE+**), bħal fil-każ tat-TMS u s-CBPs.

2.1.3.3 L-infrastruttura tal-IT

Il-pandemija tal-COVID-19 sfurzat adozzjoni mifruxa tax-xogħol mill-bogħod li aċċellerat id-**diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-EURES**. Minbarra li pprovdew **tagħmir tal-IT biex jippermetti lill-persunal tal-EURES iwettaq ix-xogħol tiegħu mill-bogħod,** il-pajjiżi tal-EURES żguraw ukoll l-aċċess għal **software rilevanti għal laqgħat u avvenimenti online**. Il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi saru aktar ixaqilbu lejn li jfittxu impjiegi/impjegati online. Għalhekk, ħafna pajjiżi tal-EURES investew fl-aġġornament tal-pjattaformi/siti web nazzjonali tagħhom u fit-titjib tas-servizzi diġitali tagħhom. Dan ġie aċċellerat ukoll mill-istandards ta' kwalità imposti mir-

[10] *Data* rrapportata mill-pajjiżi tal-EURES bħala parti mill-PMS.
[11] Ta' min jinnota li mhux il-pajjiżi kollha jipprovdu *data* tal-FTE.
[12] Kull sena, l-NCOs huma mitluba jipprovdu Programm ta' Ħidma (WP) li jiddeskrivi l-attivitajiet li qed jippjanaw li jwettqu matul is-sena ta' wara.
[13] VP/2019/010: EaSI-EURES - Appoġġ għall-inventarji nazzjonali ta' klassifikazzjoni u servizzi nazzjonali innovattivi online għall-ħaddiema mobbli.

Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika (SDG)[14]. Dan se jirriżulta f'aktar interoperabbiltà tal-portal tal-EURES mal-pjattaformi nazzjonali tal-EURES.

Fil-qasam tal-interoperabbiltà, il-pajjiżi tal-EURES komplew jaħdmu biex itejbu l-infrastruttura tal-IT tagħhom għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti u CVs għall-portal tal-EURES. Sabiex il-postijiet tax-xogħol vakanti jitqabblu mas-CVs rilevanti, ir-rekwiżiti ta' mmappjar tal-klassifikazzjoni Ewropea ta' ħiliet/kompetenzi u impjiegi (ESCO) se jservu bħala faċilitatur. F'xi pajjiżi tal-EURES kienu meħtieġa bidliet ulterjuri fl-infrastruttura tal-IT biex jiġi ffaċilitat it-twessigħ tan-network u biex jiġu allinjati l-infrastrutturi tal-IT ta' Membri u Sħab ġodda tal-EURES (eż. il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Netherlands u l-Portugall).

Sabiex tiżdied is-sigurtà tad-*data* personali fuq il-portal tal-EURES, f'Jannar 2022 ġiet introdotta sistema obbligatorja ta' Awtentikazzjoni b'Żewġ Fatturi (2FA). Qabel l-introduzzjoni, kien hemm 151 731 kont irreġistrat fuq il-portal tal-EURES, inklużi dawk li qed ifittxu impjieg, il-maniġers u l-kuntatti tal-kumpaniji, u l-Membri u s-Sħab tal-EURES. Xahrejn wara l-implimentazzjoni tat-2FA obbligatorja, l-għadd ta' kontijiet reġistrati naqas b'mod sinifikanti. Ġew implimentati diversi miżuri ta' mitigazzjoni, inkluża kampanja ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni li damet għaddejja għal diversi xhur mill-ECO. Ħdax-il xahar wara l-introduzzjoni tat-2FA, ir-riżultati għadhom mhux sodisfaċenti. Minkejja żieda ta' 282 % fl-għadd ta' kontijiet reġistrati (li laħqu 19 958 fit-tieni semestru tal-2022), dawn għadhom ferm aktar baxxi mill-għadd ta' kontijiet qabel l-introduzzjoni tat-2FA. Il-persuni li qed ifittxu impjieg, l-impjegaturi u l-membri tal-EURES (prinċipalment il-PES) ma jużawx is-servizzi tal-EURES li jirrikjedu EU Login b'2FA. Bħala miżura ta' rimedju addizzjonali, bħalissa qed jiġi diskuss jekk għandhiex terġa' tibda tintuża sistema ta' Awtentikazzjoni b'Fattur Wieħed.

2.1.3.4 Governanza u kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

L-espansjoni tan-network tal-EURES kienet waħda mill-objettivi strateġiċi ewlenin tan-network, u dan jispjega l-isforzi kontinwi biex partijiet ikkonċernati oħra jiġu mħeġġa jingħaqdu man-network matul il-perjodu ta' rapportar. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 għamlitha diffiċli li wieħed iżomm kuntatt u jirrekluta membri u sħab addizzjonali. Għal diversi xhur kien impossibbli li jsiru laqgħat fiżiċi biex jiġu introdotti operazzjonijiet tal-EURES għal partijiet ikkonċernati ġodda u l-prijoritajiet inbidlu fil-PES u għal partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-impjiegi biex jiffukaw fuq kompiti oħra li tqiegħdu fuq quddiem nett tal-aġenda biex jiġu indirizzati t-tranżizzjonijiet ewlenin tas-suq tax-xogħol ikkawżati mill-pandemija. Hekk kif il-miżuri tneħħew f'nofs l-2021, sar aktar faċli li jerġa' jinkiseb kuntatt mal-partijiet ikkonċernati potenzjali.

2.1.3.5 Komunikazzjoni fil-pajjiżi tal-EURES

Fil-perjodu ta' referenza, saru **12 887** avveniment, li laħqu **537 696** persuna. L-avvenimenti informattivi kienu l-aktar tip komuni ta' avveniment organizzat, segwiti minn avvenimenti mħallta (informazzjoni u reklutaġġ) u avvenimenti purament ta' reklutaġġ. L-għadd ta' persuni li ntlaħqu mit-

[14] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi.

tipi differenti ta' avvenimenti segwew l-istess xejra. Aktar ma ġew organizzati avvenimenti, aktar intlaħqu nies, ħlief għat-tieni semestru tal-2021[15].

Xi avvenimenti fil-livell nazzjonali ġew organizzati f'kooperazzjoni ma' networks oħra tal-UE preżenti fuq il-post[16]. Il-kooperazzjoni ma' networks oħra kienet mod produttiv kif jinħolqu sinerġiji, eżempju ta' din il-kollaborazzjoni huma s-sessjonijiet ta' informazzjoni mmirati lejn l-istudenti organizzati flimkien maċ-ċentri EUROPE DIRECT u EURODESK.

Matul il-perjodu 2020-2022, il-komunikazzjoni twettqet prinċipalment permezz tal-media soċjali (Facebook, Instagram, LinkedIn u Twitter) u l-ilħuq tal-EURES fuq il-media soċjali kiber fuq il-kanali kollha tal-media soċjali fil-perjodu ta' rapportar[17]. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa kienu jinkludu **kampanji ta' informazzjoni** ġenerali dwar is-servizzi tal-EURES u sforzi ta' komunikazzjoni **mmirati lejn gruppi jew setturi speċifiċi** (pereżempju, in-Norveġja organizzat avvenimenti ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ li qed ifittxu impjieg u r-Rumanija ospitat avvenimenti ta' informazzjoni għall-ħaddiema staġunali). Fir-rigward tal-kampanji ta' informazzjoni ġenerali, fl-2021, l-ELA kkoordinat il-kampanja "#Rights4AllSeasons", fi sħubija mal-Kummissjoni Ewropea, in-network tal-EURES, il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat, il-pajjiżi tal-UE u s-sħab soċjali, b'enfasi fuq l-attivitajiet ta' infurzar u informazzjoni fis-settur agrikolu. Fil-kuntest tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022, l-ECO nieda wkoll kampanja ddedikata għaż-Żgħażagħ biex iqajjem kuxjenza dwar is-servizzi tal-EURES disponibbli għalihom jekk ikunu qed ifittxu impjieg f'pajjiż ieħor tal-UE.

2.1.3.6 Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170[18] introduċiet speċifikazzjonijiet għal approċċ uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-*data* għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tan-network tal-EURES. Is-**Sistema ta' Kejl tal-Prestazzjoni (PMS)** tal-EURES introdotta fl-2018 stabbiliet sistema unifikata ta' programmazzjoni u monitoraġġ fil-livell nazzjonali u ffaċilitat il-ġbir tad-*data* fil-Membri u s-Sħab kollha tal-EURES. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-NCOs ipprovdew *data* dwar ħames "indikaturi ewlenin" u 11-il "indikatur tan-network" kull 6 xhur[19]. B'riżultat ta' dan, minn dak iż-żmien 'l hawn kienu possibbli tqabbil u valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni fin-network kollu.

[15] Fit-tieni semestru tal-2020 ġew organizzati 2248 avvenimentu u dawn laħqu lil 131 500 persuna. Fl-ewwel semestru tal-2021 ġew organizzati 2 945 avveniment u dawn laħqu lil 139 800 persuna. Fit-tieni semestru tal-2021 ġew organizzati 3 503 avvenimenti iżda dawn laħqu biss lil 123 929 persuna. Fl-ewwel semestru tal-2022 ġew organizzati 4 191 avveniment u dawn laħqu lil 142 467 persuna.

[16] https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt

[17] L-għadd ta' segwaċi fuq Facebook żdied minn 497 461 fit-tieni semestru tal-2020 għal 651 413 fit-tieni semestru tal-2022. L-għadd ta' segwaċi fuq Twitter żdied minn 44 659 fit-tieni semestru tal-2020 għal 49 665 fl-ewwel semestru tal-2022. L-għadd ta' segwaċi fuq LinkedIn żdied minn 156 375 fit-tieni semestru tal-2020 għal 260 872 fl-ewwel semestru tal-2022. L-għadd ta' segwaċi fuq media soċjali oħra żdied minn 19 195 fit-tieni semestru tal-2020 għal 25638 fl-ewwel semestru tal-2022.

[18] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-*data* sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-network tal-EURES.

[19] Kif iddikjarat fl-Artikolu 32 tar-Regolament dwar il-EURES (UE) 2016/ u spjegat fl-Artikolu 1 u fl-anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/170 dwar l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati uniformi għall-ġbir u għall-analiżi tad-*data* sabiex jiġi mmonitorjat u evalwat il-funzjonament tan-network tal-EURES.

Minbarra l-PMS, iċ-**Ċiklu ta' Programmazzjoni** (PC, jiġifieri l-Programmi ta' Ħidma tal-pajjiżi kollha tal-EURES) huwa l-għodda ewlenija ta' monitoraġġ għall-attivitajiet annwali tal-pajjiżi tal-EURES. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1256[20] introduċiet l-arranġamenti u l-mudelli li għandhom jintużaw fil-PC. Kull NCO jirrapporta dwar ir-riżultati u l-eżiti tan-network nazzjonali tal-EURES tiegħu f'Rapport annwali dwar l-Attività Nazzjonali, meta mqabbla mal-objettivi stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma Nazzjonali tiegħu.

2.2 Attivitajiet ta' appoġġ orizzontali mill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-EURES

2.2.1 Appoġġ għall-koordinazzjoni u l-governanza

Il-mandat tal-ECO huwa li jissorvelja u jiffaċilita l-istadji differenti tal-PC u li jikkoordina l-ippjanar tal-NCOs. Kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1149, **l-operat tal-ECO ġie ttrasferit mill-Kummissjoni għall-ELA** f'Mejju 2021.

Il-**Grupp ta' Koordinazzjoni tal-EURES[21] (ECG)** huwa l-istruttura ta' governanza tal-forum ewlieni li jappoġġa n-network tal-EURES fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu. Huwa jiltaqa' f'intervalli regolari kif ukoll fuq bażi *ad hoc* biex imexxi l-attivitajiet tan-network, jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali, jippreżenta l-iżviluppi reċenti u jaqsam informazzjoni u prattiki tajba. Dawn il-laqgħat jiġbru flimkien lill-NCOs kollha, lill-Kummissjoni u lill-ECO. Saru seba' laqgħat tal-ECG matul il-perjodu ta' referenza.

2.2.2 L-operat u l-iżvilupp tal-portal tal-EURES u l-appoġġ għall-IT relatat

Bit-trasferiment tal-kompetenzi mill-Kummissjoni għall-ELA, din tal-aħħar saret is-**sid tas-sistema tal-portal tal-EURES**. L-iżvilupp tekniku u l-manutenzjoni tal-portal għadhom ġestiti mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament dwar il-EURES.

L-introduzzjoni ta' funzjoni ta' **tqabbil awtomatizzat** fuq il-portal tal-EURES (kif meħtieġ mir-Regolament dwar il-EURES[22]) għandha, bħala prekundizzjoni, l-adozzjoni tal-ESCO mill-pajjiżi tal-EURES, jew inkella l-**immappjar** bejn is-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni u l-ESCO. Filwaqt li maġġoranza kbira tal-pajjiżi ffinalizzaw dan l-immappjar, xi wħud għadhom fil-proċess ta' mmappjar jew adozzjoni. Għalhekk, qed jiġi pprovdut appoġġ mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-kwalità tal-immappjar.

Barra minn hekk, l-ECO kompla jniedi **stħarriġ dwar is-sodisfazzjon fost il-klijenti[23]** bħala parti mill-monitoraġġ kontinwu tiegħu tal-esperjenza tal-utenti fuq il-portal. Ġie osservat tnaqqis żgħir fis-sodisfazzjon tal-utenti, peress li **80 %** tal-utenti li wieġbu għall-istħarriġ kienu ssodisfati jew

[20] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mudelli u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma nazzjonali tan-network EURES fil-livell tal-Unjoni.
[21] Minn Mejju 2021, il-governanza tal-ECG tinsab taħt l-ECO fl-ELA.
[22] Ara l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/589 tal-EURES
[23] Dan l-istħarriġ sar matul il-perjodu ta' rapportar u għadu disponibbli fuq is-server Europa fuq https://ec.europa.eu/eusurvey/trunner/EURESHelpdeskSurvey2022. Il-link tal-istħarriġ huwa parti mill-firma tal-Helpdesk tal-EURES, inkluża fit-tweġibiet kollha tal-Helpdesk mibgħuta permezz tal-posta elettronika u ċ-chat. Matul il-perjodu ta' rapportar ta' 24 xahar, total ta' 1 188 utent wieġbu għall-istħarriġ, minn 19 808 utenti li rċevew l-istħarriġ.

issodisfati ħafna bis-servizzi online tal-portal tal-EURES, meta mqabbla ma' 95 % matul il-perjodu ta' rapportar preċedenti.

It-titjib tal-faċilità tal-użu tal-portal tal-EURES kienet rakkomandazzjoni ewlenija li saret fl-evalwazzjoni *ex post*. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-ECO **kompla jimplimenta bidliet fil-portal tal-EURES** biex jimxi f'din id-direzzjoni (eż. titjib fil-filtri u fil-menu), iżda l-partijiet ikkonċernati jirrikonoxxu li dan jeħtieġ li jiġi segwit ulterjorment.

Mill-2011, l-ECO mexxa l-pjattaforma tal-**Jiem Ewropej tal-Impjiegi (Online)** (E(O)JD[24]) u appoġġa l-organizzazzjoni ta' jiem ta' impjieg u avvenimenti ta' reklutaġġ. Matul il-perjodu ta' rapportar, dawn l-avvenimenti saru l-aktar online minħabba l-pandemija tal-COVID-19, anke jekk xi wħud saru f'format ibridu. L-ELA ħadet f'idejha l-organizzazzjoni tal-E(O)JDs minn April 2021 u allokat EUR 700 000 biex torganizza avvenimenti bejn April u Diċembru 2021. Bejn Jannar 2022 u Ġunju 2022, l-ELA bbaġitjat EUR 400 000 biex tiffinanzja l-E(O)JDs. Ġew organizzati total ta' 75 avveniment, meta mqabbla mal-65 fil-perjodu ta' rapportar preċedenti.

2.2.3 It-taħriġ u l-iżvilupp professjonali

F'Jannar 2022 **tnediet pjattaforma ġdida ta' apprendiment elettroniku tal-EURES** għall-persunal tal-EURES u ġew introdotti korsijiet ġodda ta' taħriġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ġodda għat-taħriġ.

It-taħriġ bażiku kompla jiġi pprovdut fil-livell nazzjonali, li jippermetti li tiġi indirizzata l-perspettiva nazzjonali u b'mod partikolari kif il-EURES huwa strutturat f'kull organizzazzjoni/pajjiż u jipprovdi għarfien bażiku dwar il-EURES u l-għodod disponibbli tiegħu. Dan huwa segwit minn fażi ta' konsolidazzjoni, li twassal il-perspettiva Ewropea għat-taħriġ, u li tikkonsisti fi tliet komponenti sekwenzjali ta' apprendiment: għodda ta' awtovalutazzjoni u motivazzjoni; workshop online/fuq il-post għall-apprendiment u n-networking; moduli virtwali. Fl-aħħar nett, l-Akkademja tal-EURES twessa' l-għarfien speċifiku tal-persunal tal-EURES permezz ta' taħriġ kemm virtwali kif ukoll fil-klassi kif ukoll permezz ta' attivitajiet ta' networking inklużi avvenimenti u workshops. It-taħriġ ikopri firxa wiesgħa ta' suġġetti, bħal taħriġ dwar l-immappjar tal-ESCO, is-servizzi għal dawk li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi, l-għodod ta' komunikazzjoni u l-portal tal-EURES. B'kollox, minn Lulju 2020 sa Ġunju 2022 ġew organizzati **83 sessjoni ta' taħriġ** li attendew għalihom **2 674 membru tal-persunal tal-EURES**.

Kompliet tiġi pprovduta **funzjoni ta' helpdesk** għall-utenti kollha tal-portal tal-EURES u s-servizzi tiegħu (jiġifieri l-persuni li qed ifittxu impjieg, l-impjegaturi, il-persunal tal-Membri u s-Sħab tal-EURES, l-NCOs u l-viżitaturi mistiedna). Dan is-servizz jinkludi t-tweġiba għall-mistoqsijiet kollha relatati mas-servizzi pprovduti fuq il-portal tal-EURES, inkluż it-taqsima tal-extranet[25] u l-mobilità professjonali b'mod ġenerali. Il-helpdesk tal-EURES ipproċessa **23 678 mistoqsija mill-utenti** matul

[24] Il-Jiem Ewropej tal-Impjiegi (Online) hija pjattaforma li tgħin lill-organizzazzjonijiet intermedjarji, bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, jorganizzaw avvenimenti ta' reklutaġġ kemm fuq il-post kif ukoll online – avvenimenti magħrufa bħala "Jiem Ewropej tal-Impjiegi". Din il-pjattaforma nħolqot fl-2011.

[25] L-extranet hija t-taqsima tal-portal tal-EURES disponibbli biss għall-utenti interni, bħall-konsulenti tal-EURES, il-koordinaturi nazzjonali u l-persunal tal-ECO. Din tiffaċilita l-koordinazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompiti amministrattivi.

il-perjodu ta' rapportar, għadd li huwa ferm aktar baxx milli kien fil-perjodu ta' rapportar preċedenti li fih ġew ipproċessati 61 779 mistoqsija mill-utenti.

2.2.4 Il-bini ta' network, l-iskambju ta' prattika tajba u tagħlim reċiproku

In-networking, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba komplew jiġu ffaċilitati fin-network tal-EURES. Matul il-perjodu ta' rapportar ġiet żviluppata verżjoni ġdida tal-**extranet tal-EURES**[26]. Dan huwa disponibbli għall-membri kollha tal-persunal involuti fin-network tal-EURES. Il-verżjoni l-ġdida tal-extranet fiha bażi ta' għarfien, repożitorju tad-dokumenti u diversi għodod u utilitajiet prattiċi oħra iżda saret **aktar sigura u faċli għall-utent**.

Minbarra laqgħat regolari tal-ECG, **ġew organizzati avvenimenti ta' tagħlim reċiproku** u **gruppi ta' ħidma**[27] ma' rappreżentanti mill-pajjiżi kollha tal-EURES. Matul il-perjodu ta' rapportar ġew organizzati ħames avvenimenti ta' tagħlim reċiproku: waħda dwar l-E(O)JD[28], tnejn dwar il-PC[29] u tnejn dwar il-PMS[30].

2.2.5 Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni

In-network tal-EURES stabbilixxa **strateġija ta' komunikazzjoni ġdida** matul il-perjodu ta' rapportar, li għaliha l-implimentazzjoni mill-NCOs għadha għaddejja. B'din l-istrateġija l-ġdida, l-għan huwa li jiġu appoġġati s-servizzi tal-EURES permezz ta' żewġ objettivi ewlenin ta' komunikazzjoni: (1) jittejbu u jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-perċezzjoni tal-marka tal-EURES, inkluż l-iżvilupp ta' ktejjeb kummerċjali ġdid li jagħti lill-marka tal-EURES ħarsa u sensazzjoni olistiċi u (2) titħeġġeġ u tiġi ffaċilitata kollaborazzjoni aktar attiva bejn il-Membri u s-Sħab tal-EURES, l-ECO, l-NCOs, il-Kummissjoni, u partijiet ikkonċernati barra min-network. Ġie żviluppat dokument ta' gwida għall-NCOs biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-istrateġija sħiħa fil-livell nazzjonali, u ġie offrut ukoll appoġġ dirett mit-tim ta' komunikazzjoni tal-ECO lill-NCOs.

L-ECO jwettaq **attivitajiet** estensivi **ta' komunikazzjoni**, inkluż il-ġestjoni tal-kontijiet tal-**media soċjali tal-EURES**, bi **316 926** segwaċi fuq Facebook, **42 636** fuq Twitter, **6 390** fuq Instagram (mit-tnedija tiegħu fl-2021), **73 008** fuq LinkedIn kif ukoll **9 000 abbonat** u **25 vidjow** ippubblikati fuq YouTube. Barra minn hekk, ġew kondiviżi **aktar minn 90 artiklu tal-aħbarijiet** fuq il-portal tal-EURES matul il-perjodu ta' rapportar u kull xahar qed jitqassmu **bullettini** kemm interni kif ukoll esterni.

L-NCOs tal-EURES u l-Membri u s-Sħab ammessi ġew miżjuda mal-mappa tal-"Unjoni Ewropea madwari"[31] ospitata mill-Kummissjoni. Din il-mappa hija għodda biex wieħed isib iċ-ċentri tal-UE

[26] L-extranet tal-EURES huwa l-isem użat għall-intranet għan-network kollu tal-EURES.
[27] Skont ir-regolament dwar l-istabbiliment tal-ELA, l-Awtorità għandha l-possibbiltà li tistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex iwettqu kompitu speċifiku jew rigward qasam ta' politika partikolari. Sal-lum, l-ELA għandha erba' gruppi ta' ħidma ddedikati li fihom ir-rappreżentanti mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mis-sħab soċjali jikkondividu l-għarfien espert tagħhom dwar is-suġġett iddedikat: Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni, Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispezzjonijiet, Grupp ta' Ħidma dwar il-Medjazzjoni u l-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat.
[28] Dan l-avveniment ta' apprendiment reċiproku sar fit-30 ta' Settembru 2021.
[29] Dawn iż-żewġ avvenimenti ta' apprendiment reċiproku saru rispettivament f'Ottubru 2020 u 2021.
[30] Dawn iż-żewġ avvenimenti ta' apprendiment reċiproku saru rispettivament fis-17 ta' Settembru 2020 u fl-24 ta' Frar 2022.
[31] Link: https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt.

attivi f'kull reġjun u biex wieħed isir jaf dwar is-servizzi li jipprovdu. Il-pass li jmiss huwa li jiżdiedu l-punti ta' servizz lokali, il-konsulenti tal-EURES.

2.2.6 Analiżi tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali

Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament dwar il-EURES, il-Kummissjoni, bħala parti mill-mandat tagħha biex tanalizza x-xejriet tal-mobilità ġeografika u okkupazzjonali, ippubblikat **żewġ rapporti dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol intra-UE** (jiġifieri tal-2020[32] u tal-2021[33]) li fihom informazzjoni ewlenija dwar il-flussi u x-xejriet tal-mobilità tal-forza tax-xogħol fl-UE u fil-pajjiżi tal-EFTA, b'enfasi partikolari fuq is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli u d-dimensjoni tal-ġeneru. Barra minn hekk, bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-NCOs u analiżi tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Forza tax-Xogħol, **ġew ippubblikati żewġ rapporti ta' studju dwar l-okkupazzjoni nieqsa mill-ħaddiema u l-okkupazzjoni b'ħaddiema żejda fl-2020 u fl-2021**[34].

2.2.7 L-iżvilupp ta' struttura xierqa ta' kooperazzjoni u awtorizzazzjoni għall-apprendistati u t-traineeships

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-ECO ma mmobilizza l-ebda sforz addizzjonali biex l-istruttura ta' kooperazzjoni u approvazzjoni għall-apprendistati u t-traineeships tiġi żviluppata ulterjorment, minkejja li din kienet rakkomandazzjoni li saret fir-rapport preċedenti. Din hija prinċipalment konsegwenza tal-prijoritizzazzjoni tal-kontinwità tal-operat matul it-trasferiment tal-ECO għall-ELA. Barra minn hekk, hemm limitazzjonijiet legali f'ħafna pajjiżi biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri tal-istruttura tal-awtorizzazzjoni għall-apprendistati u t-traineeships.

2.2.8 Ir-riżorsi finanzjarji

Mit-trasferiment tal-funzjoni tal-ECO mill-Kummissjoni lill-ELA, il-finanzjament tal-operazzjonijiet tal-EURES ġie minn flussi ta' finanzjament differenti u l-appoġġ orizzontali kollu issa huwa parti mill-baġit tal-ELA. Peress li t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ELA sar gradwalment, mhux l-attivitajiet kollha kienu diġà ffinanzjati taħt il-baġit tal-ELA fix-xhur bikrin tal-2021. Dan ippermetta lill-ELA talloka baġit relattivament aktar baxx għall-attivitajiet tal-EURES meta mqabbel mal-2022. Fl-2021, din il-linja baġitarja għamlet disponibbli EUR 7,5 miljun, li żdiedu għal EUR 9,9 miljun fl-2022[35].

3 IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT FL-ISTATI MEMBRI

Dan il-kapitolu jiddeskrivi kif ġew implimentati l-bidliet ewlenin introdotti bir-Regolament il-ġdid dwar il-EURES meta mqabbla mal-bażi ġuridika preċedenti. Il-bidliet kienu relatati fost l-oħrajn mat-trażmissjoni tal-JVs kollha disponibbli għall-pubbliku, is-CVs kollha li għalihom dawk li qed ifittxu impjieg taw il-kunsens tagħhom, il-kodifikazzjoni tal-JVs u s-CVs bil-klassifikazzjoni Ewropea, it-twessigħ tan-network tal-EURES għal membri u sħab ġodda, u t-trażmissjoni ta' apprendistati u traineeships li huma soġġetti għal relazzjoni ta' impjieg.

L-analiżi f'din it-taqsima hija bbażata fuq *data* riċevuta direttament mill-NCOs għal stħarriġ u lista ta' kontroll imxerrda għall-fini ta' dan ir-Rapport Biennali u hija kkomplementata minn sorsi oħra ta'

[32] Annual report on intra-EU labour mobility 2020.
[33] Annual report on intra-EU labour mobility 2021.
[34] Il-Kummissjoni Ewropea, Report on Labour Shortages and Surpluses 2020 and 2021.
[35] Il-baġit huwa ogħla għall-2022, peress li fl-2021 l-ECO kien għadu taħt il-Kummissjoni sas-26 ta' Mejju 2021.

informazzjoni disponibbli mill-ECO. Kull sottotaqsima ta' hawn taħt tindirizza aspetti differenti tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES u tibda b'tabella sommarja[36] li turi r-riżultati mil-lista ta' kontroll tal-implimentazzjoni mxerrda (ara d-didaskalija hawn taħt). Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza l-konformità tal-Istati Membri mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament u tieħu miżuri xierqa, jekk jitqies meħtieġ.

Didaskalija tat-tabelli sommarji:

	Data mhux disponibbli*
V	Kompletata
Δ	Parzjalment kompletata
X	Mhux kompletata

**Id-data hija rrapportata bħala mhux disponibbli mill-NCO jew ma ġiet irrapportata l-ebda data.*

3.1 Il-kompożizzjoni tan-network u kwistjonijiet organizzazzjonali

I. Il-kompożizzjoni tan-network u kwistjonijiet organizzazzjonali	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: Nomina tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (Artikolu 9(1))	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
Azzjoni 2: Nomina ta' rappreżentant għall-Grupp ta' Koordinazzjoni (Artikolu 14)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V
Azzjoni 3: Nomina tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi rilevanti għall-attivitajiet fin-network tal-EURES bħala Membri tal-EURES (Artikolu 10)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V	V
Azzjoni 4: Identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet li bħalissa joperaw fin-network tal-EURES li jkomplu fil-perjodu ta' tranżizzjoni (Artikolu 40)	V	V	V	Δ		V	V	Δ		V	V			V	V	V	Δ		Δ	V	V	V	Δ	Δ	V	Δ	V	Δ	Δ		

3.1.1 Implimentazzjoni

Il-pajjiżi kollha tal-EURES **innominaw NCOs u rappreżentanti għall-ECG, u ħatru l-PES bħala Membri tal-EURES**. Xi sottoazzjonijiet biss ma jitqisux kompluti bis-sħiħ għall-Kroazja u għall-Iżvizzera fir-rigward tal-Artikolu 10[37].

3.1.2 Sfidi

Ma ġiet irrapportata l-ebda sfida speċifika mill-pajjiżi tal-EURES fir-rigward ta' dan is-sett ta' rekwiżiti.

[36] Meta ma jiġi ċċitat l-ebda sors ieħor, ir-riżultati ppreżentati fit-taqsimiet ta' hawn taħt huma bbażati fuq id-*data* mil-listi ta' kontroll u l-istħarriġiet tal-NCOs imxerrda għall-fini ta' dan ir-rapport.
Jekk jogħġbok innota li azzjoni tikkonsisti f'diversi sottoazzjonijiet li ma humiex indikati fit-tabella. Azzjoni titqies bħala kompluta (ħadra) jekk is-sottoazzjonijiet kollha tagħha jkunu tlestew. Azzjoni titqies bħala mhux kompluta (ħamra) meta l-ebda waħda mis-sottoazzjonijiet tagħha ma tkun tlestiet. Meta s-sottoazzjonijiet la jkunu kollha kompluti u lanqas kollha mhux kompluti, l-azzjoni kollha titqies parzjalment kompluta (oranġjo).

[37] Ta' min jinnota li l-Azzjoni 3 "Ħatra tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi rilevanti għall-attivitajiet fin-network tal-EURES bħala Membri tal-EURES (Artikolu 10)" hija kkunsidrata bħala parzjalment kompluta għall-Kroazja u għall-Iżvizzera. Fil-fatt, huma ħatru l-PES tagħhom bħala Membri tal-EURES iżda xi sottoazzjonijiet għadhom ma humiex kompluti.
Fir-rigward tal-Iżvizzera, is-sottoazzjonijiet "innotifikajt lill-ECO dwar il-PES identifikati u pprovdejt spjegazzjonijiet f'każ ta' bidliet meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament" u "F'każ ta' bidliet meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ikkomunikajt il-bidliet lill-PES li ma għandhomx ikunu involuti aktar u ġbidt l-attenzjoni tagħhom għall-konsegwenzi" tlestew parzjalment.
Fir-rigward tal-Kroazja, is-sottoazzjonijiet "F'każ ta' bidliet meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ikkomunikajt il-bidliet lill-PES li ma għandhomx ikunu involuti iktar u ġbidt l-attenzjoni tagħhom għall-konsegwenzi" u "F'każ ta' bidliet meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, ikkomunikajt lill-Helpdesk id-dettalji fir-rigward tal-kontijiet tal-membri tal-persunal fuq il-portal tal-EURES li għandu jingħalaq u minn liema data?" jiġu rrapportati bħala mhux disponibbli.

3.2 Il-governanza u l-interazzjoni ma' organizzazzjonijiet barra n-network tal-EURES

II. Governanza u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ohra barra l-EURES	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: Tiġi stabbilita mill-ġdid il-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (Artikolu 9(7))	V	V	V	Δ	Δ	Δ	V	V	Δ	V	Δ	Δ	Δ	V	Δ	V	V	V	V	V	V	Δ	V	Δ	V	Δ	V	Δ	Δ		Δ
networks oħra ta' informazzjoni u konsulenza tal-Unjoni (Artikolu 16(2))	V	V	V	Δ		Δ	V	V	Δ	V	Δ	Δ	V	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V	V	Δ	Δ		V
Azzjoni 3: Djalogu mas-sħab soċjali fil-livell nazzjonali (Artikolu 16(3))	V	V	V	Δ		V	V	V	Δ	V	Δ	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	Δ	V	V	Δ	V	Δ	Δ		
Azzjoni 4: Tiġi stabbilita kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti (Artikolu 26(2))	V	V	V	Δ		V	V	V	Δ	V	Δ	Δ	V	V	Δ	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V	Δ		V

3.2.1 Implimentazzjoni

Bejn l-2020 u l-2022, kważi l-pajjiżi kollha tal-EURES ħadu diversi passi biex **isaħħu l-kollaborazzjoni u d-djalogu ma' bosta organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati**, l-awtoritajiet kompetenti u s-servizzi ta' informazzjoni u konsulenza tal-UE. Madankollu, il-**pandemija tal-COVID-19** għamlitha diffiċli biex jinżammu kuntatti regolari mal-partijiet ikkonċernati.

Il-pandemija wriet l-importanza ta' strutturi u networks ta' governanza li jiffunzjonaw tajjeb. Matul il-kriżi, il-konsulenti tal-EURES urew reżiljenza u aġilità peress li adattaw malajr għall-mod ta' ħidma online u l-bidla tal-prijoritajiet fil-kompiti tagħhom, inkluż l-għoti f'waqtu ta' informazzjoni speċifika dwar il-miżuri tal-COVID-19 lill-impjegaturi u lil dawk li qed ifittxu impjieg, abbażi ta' informazzjoni li tinbidel b'mod kostanti.

Il-EURES wera wkoll li kien partikolarment utli f'reġjuni transfruntieri fejn l-impjegaturi u dawk li qed ifittxu impjieg kellhom ħtiġijiet urġenti li jżommu ruħhom infurmati dwar il-miżuri tal-COVID-19. Pereżempju, xi konsulenti tal-EURES ingħaqdu ma' gruppi ta' ħidma reġjonali dwar kundizzjonijiet tax-xogħol li qed jinbidlu malajr. L-NCOs irrapportaw li, għalkemm dan il-perjodu kien ta' sfida, ir-rabtiet ma' partijiet oħra (eż. l-amministrazzjoni, il-kmamar tal-kummerċ, il-ħaddiema, u l-kumpaniji) issaħħew.

3.2.2 Sfidi

Bħal qabel, l-isfidi ewlenin li l-pajjiżi tal-EURES għadhom jindirizzaw huma ostakli marbuta mal-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni, li ġew amplifikati mill-pandemija matul il-perjodu ta' rapportar (ara t-taqsima hawn fuq).

3.3 It-twessigħ tan-network

III. It-twessigħ tan-network	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: Tħejjija għas-sistema ta' ammissjoni (Artikolu 11)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	X		V
Azzjoni 2: Implimentazzjoni tas-sistema ta' ammissjoni (Artikoli 11 u 12)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	X		V
Azzjoni 3: Konformità mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 11(8) *(jekk dan jiġi propost (att ta' implimentazzjoni fakultattiv) u*	V	V	V	V		V	V	V	V	V		Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V		X		V
Azzjoni 4: Monitoraġġ tal-konformità mill-Membri u s-Sħab	V	V	V	V		V	V	V		V		V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V		V	V	V	V	X	X		V

3.3.1 Implimentazzjoni

Sa tmiem il-perjodu ta' rapportar, 27 pajjiż tal-EURES kienu nnotifikaw lill-Kummissjoni li stabbilew **sistema ta' ammissjoni** għall-Membri u s-Sħab, u sebgħa jinsabu fil-proċess li jimplimentawha. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-EURES komplew jaħdmu fuq it-tkabbir tan-network tal-EURES, xi whud minnhom ma setgħux jagħmlu dan prijorità matul il-pandemija tal-COVID-19. Fi tmiem dan il-perjodu ta' rapportar, in-network tal-EURES kien daħħal 26 Membru privat u 62 Sieħeb

mit-total ta' 238 organizzazzjoni pubblika u privata[38]. Minkejja li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi kienu diġà stabbilew **sistemi għall-monitoraġġ tal-konformità tal-Membri u s-Sħab tal-EURES**, f'xi pajjiżi xorta kien għad fadal xi xogħol xi jsir[39].

3.3.2 Sfidi

Iż-**żieda fl-għadd ta' Membri u Sħab ġodda kienet aktar bil-mod milli mistenni**. Din ix-xejra diġà ġiet osservata fir-Rapport Biennali preċedenti u kienet saħansitra aktar importanti fil-perjodu ta' rapportar kurrenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, li ġiegħlet lill-NCOs jagħtu prijorità lil kompiti oħra. Xi pajjiżi żiedu rekwiżiti addizzjonali biex jiġu aċċettati bħala Membru jew Sieħeb tal-EURES, iżda dawn ir-rekwiżiti jistgħu jipprevjenu t-tkabbir tan-network tal-EURES.

3.4 Postijiet tax-xogħol vakanti u skambji ta' CVs

IV. Mekkaniżmi għall-iskambju tad-*data*, il-viżibbiltà u l-aċċess għall-għodod u l-interoperabbiltà	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: Thejjija għall-approċċ il-ġdid għat-trasparenza tal-JV + CV (Artikolu 17)	✓	✓	Δ	✓	Δ	✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	Δ	✓	✓	✓	Δ	Δ		✓
Azzjoni 2: Kapaċità li tiġi kondiviża informazzjoni dwar prattiki nazzjonali u kwistjonijiet ta' *data*	✓	Δ	✓	✓		✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	Δ	Δ	Δ	Δ		Δ
Azzjoni 3: Thejjija għall-iskambju dwar Apprendistati u Traineeships	✓	X	✓	X		✓		Δ		Δ		Δ	Δ	X	X	✓	✓	X			✓	✓	Δ	Δ		Δ					✓
Azzjoni 4: Konformità mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 17(8)	✓	✓	✓	✓		✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	Δ	✓	X	Δ		✓
Azzjoni 5: Monitoraġġ tal-konformità mill-Membri, u meta xieraq, mis-Sħab	✓	✓	✓	✓		✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓		✓	✓	✓	✓	X	X		✓
Azzjoni 6: Viżibbiltà tal-EURES fil-livell nazzjonali (Artikolu 18(1) + 18(2))	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	✓	✓	✓	✓	✓		✓	✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓	Δ	Δ		✓
EURES għal dawk li jittrattaw il-każijiet (Artikolu 18(3) u l-premessa 32)	✓	✓	✓	✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	✓	✓	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	Δ	Δ	Δ	✓	✓	✓	Δ	Δ		✓
Azzjoni 8: Kanal ikkoordinat uniku (Artikolu 9(2), punt (a) u 18(4))	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	Δ	✓	✓	✓	Δ	Δ	✓	✓	✓	✓	Δ	Δ		✓
Azzjoni 9: Tqabbil awtomatizzat (Artikolu 19)	✓	✓	✓		Δ	Δ	✓	Δ	✓	✓		Δ	Δ	Δ	Δ	✓	Δ	✓	✓	✓	✓	Δ	✓	Δ	✓	Δ	✓	Δ	Δ		Δ
Azzjoni 10: Konformità mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 19(6)	✓	✓	Δ	✓		✓	✓	✓	✓	✓		✓	Δ	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓		✓	✓	✓	Δ	Δ		✓

3.4.1 Implimentazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar il-EURES jistabbilixxu li l-pajjiżi għandhom jittrasferixxu għall-portal tal-EURES il-postijiet tax-xogħol vakanti kollha disponibbli għall-pubbliku u l-applikazzjonijiet għax-xogħol/CVs kollha fejn il-ħaddiem ikun ta l-kunsens tiegħu biex l-informazzjoni tkun disponibbli wkoll għall-EURES. Sa tmiem il-perjodu ta' rapportar, **il-pajjiżi kollha tal-EURES kienu stabbilew sistemi fil-livell nazzjonali** biex jittrasferixxu **l-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVs)** għall-portal tal-EURES. Fir-rigward tas-**CVs, 28 pajjiż tal-EURES kienu qed jistabbilixxu/stabbilew sistemi** fil-livell nazzjonali biex jippermettu t-trasferiment tagħhom għall-portal tal-EURES[40] permezz ta' kanal ikkoordinat wieħed.

L-adozzjoni jew l-immappjar tal-**ESCO** għal sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali stabbiliti u t-trażmissjoni tas-CVs u l-JVs fil-format miftiehem kienu għaddejjin[41]. Mill-aħħar rapport, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-EURES kienu għamlu sforzi biex jimmappjaw jew jadottaw l-ESCO. Minn Ġunju 2022, **18-il pajjiż tal-EURES** kienu diġà mmappjaw l-ESCO għas-sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali tagħhom. Erba' pajjiżi oħra tal-EURES kienu diġà adottaw l-ESCO. **Tliet pajjiżi tal-**

[38] Il-ħarsa ġenerali sħiħa lejn il-Membri u s-Sħab kollha tal-EURES tista' tinstab hawnhekk: https://eures.ec.europa.eu/eures-services/eures-your-country_mt.

[39] NCO wieħed qal li l-pandemija kkawżat xi dewmien f'dan il-proċess u li ma għandux ir-riżorsi biex jimmonitorja l-konformità. Xi wħud qalu wkoll li għad ma għandhomx Membri u Sħab.

[40] 30 punt ta' konnessjoni setgħu jittrasferixxu s-CVs għall-portal. Ta' min jinnota li jeżistu tliet punti ta' konnessjoni għall-Belġju (BE Actiris, BE Forem u BE VDAB).

[41] Ta' min jinnota li l-implimentazzjoni mill-pajjiżi tal-EURES tal-adozzjoni jew l-immappjar tal-ESCO hija obbligu legali li jippermetti l-kondiviżjoni ta' CVs u JVs fost in-network. Il-Kummissjoni tissorvelja l-konformità tal-pajjiżi tal-EURES u għamlet kuntatt mal-pajjiżi li għadhom ma humiex konformi biex titlob xi kjarifiki.

EURES kienu mmappjaw l-ESCO mal-oqfsa nazzjonali tal-ħiliet tagħhom. **Erba' pajjiżi** oħra **tal-EURES** kienu diġà adottawha.

3.4.2 Sfidi

Fir-rigward tal-eżerċizzji ta' **adozzjoni/immappjar tal-ESCO**, mhux il-pajjiżi kollha tal-EURES kienu għadhom kapaċi jissodisfaw l-obbligu legali tagħhom. Għad hemm diffikultajiet fir-rigward tal-konformità mal-istandards tekniċi pprovduti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2018/1021 għall-ifformattjar tat-tabelli ta' mmappjar, li huma essenzjali biex jippermettu l-interoperabbiltà fil-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES. Il-kwalità tal-immappjar stabbilit (bejn is-sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali u l-ESCO) tvarja bejn il-pajjiżi u se tkun soġġetta għal rieżami. L-użu korrett tar-relazzjonijiet preskritti tal-immappjar huwa element ta' tħassib f'termini ta' omoġeneità u konsistenza peress li l-iżgurar ta' mmappjar ta' kwalità għolja huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tat-tlaqqigħ awtomatizzat fuq il-portal.

Fir-rigward tat-trasferiment tas-CVs għall-portal tal-EURES, l-NCOs li kienu għadhom ma implimentawx dan it-trasferiment enfasizzaw li dan spiss huwa minħabba kwistjonijiet tal-IT **fil-livell nazzjonali**[42]. Meta jitqies l-għadd ta' CVs u JVs ittrasferiti għall-portal tal-EURES, jidher li l-volum speċjalment għas-CVs ittrasferiti minn xi whud mill-NCOs għadu baxx.

3.5 Servizzi ta' appoġġ

V. Serv+B35+B32:AD39+B32:B32:AH38	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: L-iżgurar tal-kontinwità permezz tal-PES	V	V	V	V		V	V	V	V	V		V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V		V
Azzjoni 2: Assistenza fir-reġistrazzjoni fuq il-portal tal-EURES (Artikolu 20)	V	V	V	V		V	V	V	V	V		V	Δ	V	Δ	V	V	V	V	V	V	Δ	Δ	V	V	Δ	V	Δ			Δ
Azzjoni 3: Informazzjoni bażika dwar il-EURES (Artikolu 22)	V	V	V	V		V	V	V	V	V		V	V	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ			V
Azzjoni 4: Monitoraġġ tal-applikazzjoni mill-Membri u s-Sħab	V	V	V	V		V	V	V	V	V		V	Δ	V	Δ	V	Δ	V	Δ	V	V	Δ	V	V	Δ	V	V	Δ	Δ		Δ
Azzjoni 5: Servizzi ta' appoġġ f'reġjuni transfruntieri	V	V	V			V	V	V		V		V	Δ	V	Δ	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V			
Azzjoni 6: L-integrazzjoni tal-appoġġ għall-mobilità f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol (Artikolu 28, premessa 46)	V	V	V		Δ	V	V	V	V	V		V		V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V		

3.5.1 Implimentazzjoni

Il-pajjiżi kollha tal-EURES irrapportaw l-attivitajiet u l-miżuri meħuda biex **jiżguraw il-kontinwità** fl-għoti ta' servizzi ta' appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi permezz tal-PES nazzjonali tagħhom. Fil-qasam tal-**assistenza u l-informazzjoni għall-ħaddiema u l-impjegaturi** dwar kif jirreġistraw u jużaw il-portal tal-EURES, il-pajjiżi kollha tal-EURES żguraw li l-organizzazzjonijiet li għadhom kif ġew ammessi fin-network kienu qed jikkonformaw mar-rekwiżiti kull meta ssieħbu man-network. Dan kien ukoll il-każ għall-**għoti ta' informazzjoni bażika dwar il-portal tal-EURES**, inkluża l-bażi tad-*data* tas-CVs, u n-network tal-EURES, inklużi d-dettalji ta' kuntatt tal-Membri u s-Sħab tal-EURES rilevanti fil-livell nazzjonali.

Is-servizzi ta' appoġġ fir-**reġjuni transfruntiera** huma pprovduti wkoll permezz tal-Membri u s-Sħab tal-EURES. Matul il-perjodu ta' rapportar kurrenti, l-għadd ta' pajjiżi tal-EURES li jipprovdu

[42] NCO wieħed għamel referenza għal bidliet fis-sistemi tal-IT tiegħu li naqqsu l-għadd ta' CVs ittrasferiti minħabba d-diffikultà mġarrba. NCO ieħor semma li għadu qed jaħdem fuq l-interfaċċa teknika biex jippermetti t-trasferiment ta' CVs, filwaqt li NCO ieħor semma li għad irid jittestja l-interfaċċa tiegħu.

informazzjoni lill-ħaddiema transfruntiera żdied minn 14 għal 20, u dan huwa konformi ma' waħda mir-rakkomandazzjonijiet li saru fl-Evalwazzjoni *ex post* tal-EURES[43].

F'konformità mar-regolament dwar il-EURES[44], 24 pajjiż tal-EURES identifikaw **miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex iżidu l-opportunitajiet ta' impjieg għal dawk li qed ifittxu impjieg, itejbu t-tqabbil bejn il-postijiet tax-xogħol vakanti u dawk li qed ifittxu impjieg** u jipprovdu għajnuna għat-tfittix ta' impjieg lil dawk li qed ifittxu impjieg skont dawn il-miżuri. Xi wħud żguraw ukoll li dawk il-miżuri ma jibqgħux limitati għall-għajnuna għat-tiftix ta' impjieg fil-livell nazzjonali iżda jistgħu jintużaw ukoll biex jinstab impjieg fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Żewġ pajjiżi oħra tal-EURES kienu għadhom fil-proċess li jippermettu din l-assistenza.

3.5.2 Sfidi

Ħafna utenti esperjenzaw diffikultajiet biex jilloggjaw fil-portal (eż. metodi tal-Login bil-kodiċi QR li ma humiex appoġġati f'kull pajjiż) u xi perjodi ta' qtugħ okkażjonali tal-portal ġew enfasizzati wkoll bħala opportunitajiet ta' titjib fl-aċċess għall-portal[45].

3.6 Skambju ta' informazzjoni, programmazzjoni, u kejl tal-prestazzjoni

VI. Skambju ta' informazzjoni, programmazzjoni u kejl tal-prestazzjoni	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HR	HU	IE	IT	LT	LV	LU	MT	NL	PL	PT	RO	SI	SK	SE	CH	IS	LI	NO
Azzjoni 1: Skambju ta' informazzjoni	V	V	V	Δ	Δ	Δ	V	V	Δ	V		Δ	V	Δ	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V	V	V	Δ	Δ	Δ	Δ		V
Azzjoni 2: Konformità mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 31(5)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	Δ	V		V
Azzjoni 3: Konformità mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 32(4)	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V	V		V

3.6.1 Implimentazzjoni

Fl-istħarriġ, il-pajjiżi tal-EURES kollha minbarra wieħed qalu li qed **jiġbru informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom** (inklużi nuqqasijiet u eċċessi). Il-grad sa fejn titwettaq l-analiżi jvarja minn pajjiż għal ieħor. Il-korpi ewlenin li jwettqu din l-analiżi tas-suq tax-xogħol huma, pereżempju, **l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika jew id-dipartimenti tal-istatistika tal-PES**. Il-ġbir tad-*data* meħtieġa spiss isir bl-użu tal-mudelli u l-formati pprovduti mill-ECO. L-informazzjoni miġbura u analizzata mbagħad tiġi kondiviża b'modi differenti, inkluż billi tittella' fuq il-portal tal-EURES flimkien mar-rapportar tal-attività.

Fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet nazzjonali, l-NCOs jiġbru u jikkondividuha bl-użu tal-**PMS** kif ukoll tal-**Programmi ta' Ħidma u r-Rapporti tal-Attività tal-PC**. Din tinkludi, pereżempju, l-istruttura tal-mudell ta' governanza tagħhom, il-kwalifiki u l-għadd ta' membri tal-persunal tal-EURES, kif ukoll l-oqsma ta' attività tagħhom. L-informazzjoni ta' Membri u Sħab ġodda hija kondiviża wkoll. Barra minn hekk, diversi pajjiżi tal-EURES qalu li jwettqu **stħarriġiet dwar is-sodisfazzjon fost il-klijenti** sabiex ikomplu jtejbu s-servizzi u l-avvenimenti tagħhom.

[43] Evalwazzjoni *ex post* tal-EURES: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8370&furtherPubs=yes, p. 12.
[44] Ir-Regolament dwar il-EURES, l-Artikolu 28 u l-premessa 46.
[45] Dawn il-perjodi ta' qtugħ okkażjonali kienu jvarjaw bejn sagħtejn u għaxar siegħat kull darba u dejjem tħabbru ġimgħa minn qabel lill-partijiet ikkonċernati kollha.

3.6.2 Sfidi

Xi pajjiżi tal-EURES irrapportaw problemi bil-ġbir u r-rapportar tad-*data* kemm għall-PMS kif ukoll għall-PC, u enfasizzaw l-ammont ta' xogħol marbut ma' dawn ir-rapporti. Fil-każ ta' wħud mill-mekkaniżmi ta' rapportar, l-NCOs ipprovdew *data* approssimattiva (eż. l-għadd ta' kuntatti, l-għadd ta' kollokamenti effettivi, il-ħin tar-rispons) minħabba d-disponibbiltà limitata tad-*data*. Madankollu, ittieħdu azzjonijiet biex jittejbu s-sistemi interni tal-IT.

3.7 Rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-perjodu ta' rapportar preċedenti

Ir-Rapport Biennali għall-perjodu 2018-2020 identifika xi azzjonijiet[46] bħala prijoritajiet għall-perjodu ta' rapportar kurrenti. Din it-taqsima tipprovdi dettalji dwar il-punt sa fejn dawn ġew indirizzati matul il-perjodu 2020-2022 u tiddeskrivi fil-qosor il-progress li sar.

Nru 1 Bidu mill-ġdid tal-EURES
Sabiex jinbdew l-attivitajiet tal-EURES wara li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-lockdown, l-NCOs għenu biex titqajjem kuxjenza dwar il-EURES u l-attivitajiet tiegħu permezz tal-kampanja "#EURESmovingforward" żviluppata mill-ECO. Din il-kampanja tnediet f'Diċembru 2020 u kellha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar l-eżistenza tal-EURES u l-attivitajiet tiegħu.

Nru 2 Tkabbir tan-network
Kif intqal fit-Taqsima 3.3.1, il-pajjiżi kollha ħlief żewġ pajjiżi tal-EURES għamlu x-xogħol meħtieġ biex jistabbilixxu sistema ta' ammissjoni għal Membri u Sħab ġodda. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-EURES qed ifittxu b'mod attiv li jkabbru n-network nazzjonali tal-EURES tagħhom.

L-istrateġija l-ġdida ta' komunikazzjoni kkontribwiet għall-isforzi biex titħaffef l-espansjoni tan-network tal-EURES. Barra minn hekk, l-ECO kkomplementa l-gwida biex jespandi n-network bil-ħsieb li jassisti lill-NCOs fl-isforzi tagħhom.

Nru 3 L-interoperabbiltà u l-iżviluppi fl-IT
Fi tmiem il-perjodu ta' rapportar f'Ġunju 2022, 22 pajjiż tal-EURES kienu konnessi mal-kanal ikkoordinat uniku u seba' pajjiżi oħra tal-EURES kienu fil-proċess li jistabbilixxu l-konnessjoni meħtieġa. (11 fl-2020). Fi kliem ieħor, 29 pajjiż tal-EURES kienu lestew il-proċess jew kienu qed jaħdmu fuqu[47], meta mqabbla ma' 23 fil-perjodu ta' rapportar preċedenti[48].

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-EURES għamlu sforzi biex jimmappjaw u jadottaw l-ESCO. L-aħħar Rapport Biennali qal li 16-il pajjiż tal-EURES (minbarra r-Renju Unit) kienu konformi mal-att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 17(8) tar-Regolament dwar il-EURES u li ħames pajjiżi oħra tal-EURES kienu parzjalment konformi. Issa, l-għadd ta' pajjiżi tal-EURES konformi żdied għal 24. Fir-rigward tal-iskambju ta' CVs u JVs permezz tal-kanal ikkoordinat uniku, l-għadd ta' CVs skambjati minn xi pajjiżi tal-EURES għadu baxx.

Nru 4 L-iżvilupp tas-servizzi tal-EURES
Kif issemmi t-Taqsima 3.6.1, kull wieħed mill-pajjiżi tal-EURES jiġbor informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tiegħu. Għalkemm il-livell ta' dettalji u d-*data* speċifika kondiviża jvarjaw għal kull pajjiż, aktar u aktar pajjiżi qed jikkondividu tali *data* b'aktar profondità, li għenet biex jiġu sfruttati l-attivitajiet u l-objettivi tal-EURES.

[46] Ir-rakkomandazzjonijiet sħaħ jinsabu fir-Rapport Biennali 2018-2020 (ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0046).
[47] Ta' min isemmi li żewġ pajjiżi ma rrapportaw xejn dwar il-konnessjoni tagħhom mal-kanal ikkoordinat uniku.
[48] 11-il pajjiż tal-EURES kienu fil-proċess li jistabbilixxu l-konnessjoni mal-kanal ikkoordinat uniku u 12 kienu konnessi sal-aħħar ta' Ġunju 2020.

4 L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT MILL-KUMMISSJONI EWROPEA U L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-KOORDINAZZJONI

Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-applikazzjoni fil-livell tal-UE tar-Regolament dwar il-EURES kif meħtieġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33 tar-Regolament dwar il-EURES, bl-applikazzjoni tal-istess kodiċi bil-kuluri kif użat fit-Taqsima 3.

4.1 Rekwiżiti tar-Regolament

Oqsma ta' attivitajiet tal-ECO	Status
L-għoti ta' attivitajiet ta' appoġġ orizzontali għall-benefiċċju tan-Network tal-EURES	V
Thejjija għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-EURES	V
Il-faċilitazzjoni tan-networking, it-tagħlim reċiproku, u l-iskambju tal-aħjar prattiki (Artikolu 8)	V
Attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni rigward in-network tal-EURES (Artikoli 1 – 8)	V
Il-forniment ta' programm ta' taħriġ għall-Membri/Sħab tal-EURES u tal-NCOs (Artikolu 8)	V
Appoġġ għat-twessigħ tan-network u s-sistemi ta' ammissjoni (Artikoli 3 – 7 – 11)	V
Iċ-ċiklu ta' programmazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol inkluża analiżi konġunta	V
L-iżvilupp u t-tħaddim tal-portal tal-EURES (inkluża l-funzjoni ta' helpdesk) u l-pjattaforma tal-interoperabbiltà	V
Il-kejl tal-prestazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress	V
Il-ġestjoni u d-djalogu fil-livell tal-UE	V

4.2 Implimentazzjoni

Minbarra t-trasferiment tal-ECO mill-Kummissjoni għall-ELA matul il-perjodu ta' rapportar, l-ECO kompla jipprovdi **appoġġ orizzontali** lin-network tal-EURES, b'mod partikolari:

- L-għoti tal-**gwida** meħtieġa **għall-implimentazzjoni** lill-organizzazzjonijiet tal-EURES fil-livell nazzjonali, pereżempju taħriġ, avvenimenti ta' apprendiment reċiproku, laqgħat ta' koordinazzjoni u gruppi ta' ħidma.
- L-appoġġ għan-**networking u l-apprendiment**, inkluż l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' apprendiment reċiproku dwar suġġetti differenti u l-appoġġ lin-networking u d-diskussjonijiet bilaterali matul il-workshops annwali dwar il-PC. Barra minn hekk, l-extranet tal-EURES iġġedded bis-sħiħ sabiex tittejjeb id-disponibbiltà tar-riżorsi ddedikati u jiġi ffaċilitat aktar networking bejn l-NCOs.
- It-twettiq ta' **attivitajiet ta' taħriġ** lill-Membri u lis-Sħab tal-EURES. Il-kontribut mill-NCOs ġie ingranat biex jinħoloq taħriġ imfassal apposta dwar suġġetti li dwarhom riedu jiksbu għarfien addizzjonali.
- Is-sensibilizzazzjoni dwar il-EURES permezz tal-**attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni** u bl-għoti ta' appoġġ għall-komunikazzjoni lill-pajjiżi tal-EURES. L-ECO mexxa l-isforzi ta' komunikazzjoni u fl-2021 stabbilixxa strateġija ta' komunikazzjoni ġdida biex itejjeb il-marka u l-viżibbiltà tal-EURES kemm internament kif ukoll esternament (kif irrakkomandat mill-evalwazzjoni *ex post*).
- L-appoġġ għat-**twessigħ tan-network** permezz ta' avvenimenti ta' tagħlim reċiproku, sessjonijiet ta' taħriġ, diskussjonijiet fil-laqgħat tal-ECG, kif ukoll l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma dwar is-suġġett b'mandat li jipproduċi sett ta' linji gwida u sett ta' għodod dwar is-sistema ta' ammissjoni, il-proċess ta' ammissjoni, il-ħidma fuq ir-reklutaġġ ta' Membri u Sħab ġodda u dwar il-ħidma bħala network imkabbar tal-EURES.
- It-titjib tal-**portal tal-EURES** permezz ta' aġġornamenti li għandhom l-għan li jżidu l-faċilità tal-użu, is-sigurtà u l-adattabbiltà tiegħu (l-indirizzar ta' rakkomandazzjoni magħmula fl-evalwazzjoni *ex post*). Madankollu, l-implimentazzjoni tat-tlaqqigħ awtomatizzat u l-istabbiliment tal-infrastruttura teknika meħtieġa għadhom lura. Dan jeħtieġ li jiġi stabbilit biex

il-Membri u s-Sħab tal-EURES ikunu jistgħu jaċċessaw direttament il-JVs u s-CVs tal-EURES permezz tal-pjattaformi tagħhom stess[49].

- L-għoti ta' gwida lill-pajjiżi tal-EURES li ttrasferew l-offerti ta' **apprendistati u traineeships** fuq il-portal tal-EURES.

4.3 Sfidi

Il-proċess gradwali tat-**trasferiment tal-kompetenzi** tal-ECO mill-Kummissjoni għall-ELA beda b'mod parallel mal-ewwel perjodu ta' lockdown f'Marzu 2020. Il-lockdown impedixxa lit-timijiet milli jagħmlu t-trasferiment kif ippjanat. Minħabba li l-ebda wieħed mill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni mill-ECO ma kien qed jittrasferixxi għall-ELA, kien kruċjali li jiġi organizzat trasferiment bir-reqqa tal-għarfien. Iż-żewġ timijiet kienu ppjanaw li l-membri tal-persunal tal-ELA "isegwu u josservaw" b'mod fiżiku mat-tim li jaħdem fuq l-ECO fil-Kummissjoni għal diversi xhur biex jiżguraw il-kontinwità tal-operat u jiffamiljarizzaw ruħhom mal-kompiti, iżda dan ma kienx possibbli minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19. It-timijiet kellhom jorganizzaw ir-reklutaġġ tal-ELA online u l-kumplessità addizzjonali kkawżata mis-sitwazzjoni tal-pandemija u l-impossibbiltà li jinġabru fiżikament kienu jirrikjedu ammont kbir ta' ħin u riżorsi kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-ELA[50]. Fi tmiem il-perjodu ta' rapportar, l-ELA ddikjarat li kienet komda fil-funzjonijiet tal-ECO tagħha u li t-trasferiment jista' jitqies bħala kkompletat b'suċċess.

4.4 Rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-perjodu ta' rapportar preċedenti

It-tieni Rapport Biennali 2018-2020 tal-EURES enfasizza xi azzjonijiet bħala prijoritajiet għall-ECO. Ir-rapport jagħmel distinzjoni bejn l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u l-ELA, skont fejn l-ECO tqiegħed fuq livell organizzattiv. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin ġew attribwiti lill-**ECO fi ħdan** il-Kummissjoni (qabel it-tranżizzjoni) bħala parti mill-perjodu ta' rapportar preċedenti:

Nru 1 Trasferiment tal-ECO għall-ELA
Kif imsemmi fit-taqsima tal-implimentazzjoni, it-trasferiment tal-ECO għall-ELA tlesta b'suċċess matul il-perjodu ta' rapportar, minkejja d-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija.

Nru 2 Appoġġ għall-bidu mill-ġdid tal-attivitajiet tal-EURES
Sabiex jagħti spinta lill-attivitajiet tal-EURES wara li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-lockdown, l-ECO żviluppa l-kampanja "Moving Forward". Din il-kampanja saret bejn Diċembru 2020 u Frar 2021 biex titqajjem kuxjenza dwar l-eżistenza tal-EURES u l-attivitajiet tiegħu. Il-kampanja ta' komunikazzjoni kienet ta' suċċess. Il-kampanja #EURESmovingforward laħqet 12-il miljun persuna u aktar minn 16 000 utent ipparteċipaw fil-kwiżż tal-EURES "Which European country is right for you?". Barra minn hekk, ġew prodotti ħames filmati ġodda fuq il-EURES u tnieda l-kanal il-ġdid ta' Instagram tal-EURES[51].

Nru 3 It-tishih tal-appoġġ għall-ħaddiema l-aktar affettwati mill-pandemija
Minbarra l-kampanja ġenerali "Moving Forward", gruppi speċifiċi ta' ħaddiema kienu fil-mira ta' sforzi ta' komunikazzjoni aktar speċifiċi. Pereżempju, biex jgħin fil-protezzjoni tal-ħaddiema staġunali u jtaffi l-ostakli li ffaċċjaw, in-network tal-EURES ipparteċipa fil-kampanja "Rights4AllSeasons". Din tnediet fi sħubija mal-Kummissjoni, il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux iddikjarat, il-pajjiżi tal-UE u s-sħab soċjali. B'din il-kampanja, in-network tal-EURES għen biex titqajjem kuxjenza dwar

[49] Ara r-Regolament dwar il-EURES, u speċjalment il-Kapitolu III.
[50] Peress li l-iżvilupp u ż-żamma tal-portal tal-EURES jibqgħu taħt il-Kummissjoni wara li l-ECO ġie ttrasferit fl-ELA, ġiet żgurata l-kontinwità f'dan ir-rigward.
[51] Disponibbli fuq: https://www.instagram.com/euresjobs/.

id-drittijiet, l-obbligi u s-servizzi ta' konsulenza eżistenti li jeżistu biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti għar-reklutaġġ staġunali.

Nru 4 Il-promozzjoni u l-appoġġ tal-użu tal-FSE+ għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-EURES
Għall-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027 tal-FSE+, il-Kummissjoni u l-ECO ppromwovew b'mod estensiv l-użu tal-FSE+ għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-EURES.

Nru 5 L-Iżvilupp kontinwu tal-għodod ta' rapportar
Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-ECO jirrikonoxxu li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NCOs u l-Membri u s-Sħab jirrappreżentaw piż għalihom. Madankollu, ir-rapportar dwar l-attivitajiet tal-EURES huwa komponent ewlieni tar-Regolament dwar il-EURES u tqies neċessarju mil-leġiżlatur. Biex jitnaqqas xi ftit minn dan il-piż, ġiet introdotta Għodda tal-IT ġdida li tippermetti lill-NCOs jimlew id-*data* tagħhom b'mod aktar faċli għall-utent. Għaddejjin ukoll aktar riflessjonijiet dwar is-suġġett (eż. dwar aktar armonizzazzjoni/tħaffif tal-attivitajiet tal-PMS u l-PC).

Nru 6 L-iżvilupp tal-iskambju mifrux ta' apprendistati u traineeships
Matul il-perjodu ta' rapportar, ma ttieħdet l-ebda azzjoni speċifika dwar dan is-suġġett peress li ngħata prijorità lit-trasferiment tal-ECO u l-mezzi kollha tal-ECO kienu meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat. Għalhekk, ma seta' jsir l-ebda investiment addizzjonali f'dan is-suġġett matul il-perjodu.

Nru 7 It-titjib ulterjuri tal-portal tal-EURES
Il-Kummissjoni u l-ELA (ladarba l-ECO ġie ttrasferit) komplew jimplimentaw bidliet fil-portal tal-EURES biex itejbu l-faċilità tal-użu tiegħu. Inħoloq ukoll Kumitat ta' Tmexxija tal-IT bl-għan li jiffaċilita l-koordinazzjoni, l-ippjanar u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-portal biex jintlaħaq qbil dwar żviluppi futuri tal-portal tal-EURES.

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin ġew attribwiti lill-**Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni ġestit mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**:

Nru 1 Trasferiment sħiħ tal-ECO
Kif intqal fit-taqsima tal-implimentazzjoni, it-trasferiment tal-ECO għall-ELA tlesta b'suċċess matul il-perjodu ta' rapportar.

Nru 2 Appoġġ għal mobilità ġusta
L-għan ewlieni tal-attivitajiet tal-EURES huwa li tiżdied il-mobilità ġusta bejn il-pajjiżi tal-EURES. It-trasferiment tal-funzjoni ta' appoġġ operazzjonali tal-ECO mill-Kummissjoni għall-ELA kien wieħed mill-passi biex jissaħħaħ ulterjorment l-appoġġ offrut lill-pajjiżi tal-EURES, peress li dan jagħmilha aktar faċli għall-ECO biex jaħdem aktar mill-qrib ma' servizzi importanti oħra ta' appoġġ għall-pajjiżi u għaċ-ċittadini l-ELA hija responsabbli għalihom. Matul il-perjodu ta' rapportar, proġetti u avvenimenti differenti organizzati mill-NCOs biex jappoġġaw il-mobilità ġusta rċevew appoġġ mill-ECO meta jkun meħtieġ. L-ECO kkontribwixxa u mexxa wkoll sforzi ewlenin ta' komunikazzjoni bħall-kampanja "Moving Forward" u kampanji aktar speċifiċi (eż. Drittijiet għall-istaġuni kollha).

Nru 3 Tisħiħ ulterjuri tal-komunikazzjoni tal-EURES
Matul dan il-perjodu ta' rapportar, it-tisħiħ tal-komunikazzjoni tal-EURES kien wieħed mill-punti ewlenin ta' żvilupp. Ġiet żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni ġdida, u sar disponibbli finanzjament addizzjonali mill-ELA sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni kemm interna kif ukoll esterna tal-marka u l-attivitajiet tal-EURES.

Nru 4 Allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-operazzjonijiet tal-EURES
Peress li t-trasferiment tal-kompetenzi lill-ELA sar gradwalment, mhux l-attivitajiet kollha kienu diġà ffinanzjati taħt il-baġit tal-ELA fix-xhur bikrin tal-2021. Dan wassal biex l-ELA talloka baġit relattivament aktar baxx għall-attivitajiet tal-EURES fl-2021 meta mqabbel mal-2022. Fl-2021, l-ELA investiet EUR 7,5 miljun fl-attivitajiet tal-EURES tagħha, li żdiedu għal EUR 9,9 miljun fl-2022.

5 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

5.1 Konklużjonijiet

Sabiex tinkiseb ir-riforma tal-EURES u sabiex tiġi żgurata mobilità ġusta tal-forza tax-xogħol intra-UE, ir-Regolament dwar il-EURES tal-2016 jistabbilixxi diversi rekwiżiti għan-network tal-EURES. Flimkien ma' dawn ir-rekwiżiti, l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1149 iddefinixxa li l-ECO jkun jeħtieġ li jiġi ttrasferit mill-Kummissjoni għall-ELA qabel Awwissu 2021. Dawn l-objettivi kollha ġew indirizzati matul il-pandemija tal-COVID-19, perjodu ta' inċertezza kbira minħabba r-restrizzjonijiet tal-lockdown li affettwaw fost l-oħrajn il-kollaborazzjoni u l-ivvjaġġar transfruntier.

It-trasferiment tal-ECO mill-Kummissjoni għall-ELA ġie ffinalizzat f'Mejju 2021 wara kollaborazzjoni intensiva bejniethom it-tnejn. Mit-tlestija, l-ECO fl-ELA sar is-sid tas-sistema tal-portal tal-EURES, filwaqt li l-Kummissjoni tibqa' responsabbli (minn perspettiva operazzjonali) għall-operat u għall-iżvilupp tekniku tal-Portal tal-EURES u tas-servizzi tal-IT relatati.

Għad fadal xi sfidi li jridu jiġu indirizzati, b'mod partikolari dawk relatati mal-espansjoni tan-network u l-akkoljenza ta' aktar Membri u Sħab.

5.2 Rakkomandazzjonijiet lill-pajjiżi tal-EURES

Filwaqt li jibni fuq is-sejbiet ewlenin dwar l-istatus ta' implimentazzjoni u l-isfidi li fadal identifikati f'dan ir-rapport, il-prijoritajiet ewlenin għall-perjodu ta' rapportar li jmiss huma miġbura fil-qosor kif ġej:

Nru 1 Investiment ulterjuri fit-tkabbir tan-network

It-tkabbir tan-network ilu prijorità għan-network tal-EURES minn mindu daħal fis-seħħ l-aħħar regolament. Peress li t-tkabbir kien aktar bil-mod milli mistenni (il-Membri u s-Sħab potenzjali ma humiex attirati biżżejjed) l-NCOs għandhom jistabbilixxu strateġiji ċari dwar xi tfisser il-kompożizzjoni l-ġdida tan-network tal-EURES għall-mudell tas-servizz u l-operazzjonijiet tagħhom, lil min għandhom javviċinaw u kif jiżguraw li t-tkabbir tan-network jirriżulta f'servizzi aħjar għall-benefiċjarji tal-EURES.

Nru 2 Niddefinixxu b'mod ċar il-kanali ta' komunikazzjoni
Il-komunikazzjoni hija kruċjali għat-tisħiħ tal-għarfien dwar il-marka tal-EURES. Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-komunikazzjoni tal-EURES, huwa importanti li wieħed ikun jaf fuq liema mezzi għandha ssir enfasi meta tinxtered l-informazzjoni. L-istrateġija l-ġdida ta' komunikazzjoni diġà tindirizza dan. Sabiex jinkiseb feedback aktar dettaljat dwar l-effettività tal-kanali ta' komunikazzjoni differenti, l-istħarriġiet nazzjonali li jintbagħtu lil dawk li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi jistgħu jinkludu mistoqsija dwar kif semgħu dwar ix-xogħol u s-servizzi tal-EURES. Dan mhux biss jgħin biex jiġu rfinati l-mezzi ta' komunikazzjoni futuri, iżda jgħin ukoll biex il-komunikazzjoni tiġi ffukata fuq l-udjenza fil-mira.

Nru 3 Finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-immappjar tal-ESCO fin-network kollu
L-adozzjoni/l-immappjar tal-ESCO għamlet progress matul il-perjodu ta' rapportar. Madankollu, hemm xi pajjiżi tal-EURES fejn l-immappjar meħtieġ għadu ma tlestiex. Minħabba l-importanza ta' dan l-immappjar għat-tqabbil awtomatizzat, l-implimentazzjoni ta' dan għandha tkun prijorità fix-xhur li ġejjin.

Nru 4 Konsolidazzjoni tal-użu tas-sistema tal-EU Login
Is-sistema tal-EU Login issaħħaħ is-sigurtà fuq il-portal tal-EURES. F'Jannar 2022, l-ECO qassam diversi tfakkiriet, akkumpanjati minn tutorial forma ta' vidjo gwida biex iħeġġu lill-utenti kollha jaġġornaw il-kontijiet tagħhom wara l-implimentazzjoni teknika tal-EU Login fuq il-portal tal-EURES. Għalhekk, l-NCOs kollha għandhom ikomplu jinkoraġġixxu lill-Membri u lis-Sħab tagħhom biex jagħmlu użu minnu, u jagħmlu t-tutorial disponibbli fuq is-siti web nazzjonali.

Nru 5 Żgurar tat-trasferiment tas-CVs għall-portal tal-EURES
Ir-Regolament dwar il-EURES jirrikjedi li l-Membri u s-Sħab kollha tal-EURES jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom u s-CVs disponibbli pubblikament, bil-kunsens tal-ħaddiema, għall-portal tal-EURES permezz tal-kanal ikkoordinat uniku. Filwaqt li l-postijiet tax-xogħol vakanti qed jittellgħu mill-NCOs fil-portal, jidher li hemm inqas progress fit-trasferiment tas-CVs. Iż-żieda fit-trasferiment tas-CVs mill-pajjiżi għall-portal tal-EURES għandha tkun prijorità.

Nru 6 Żvilupp ulterjuri tal-iskambju mifrux ta' apprendistati u traineeships
L-attivitajiet marbuta mal-apprendistati u t-traineeships li huma soġġetti għal relazzjoni ta' impjieg għandhom jiżdiedu ulterjorment kemm permezz tal-attivitajiet tal-konsulenti tal-EURES kif ukoll permezz tas-sottomissjoni ta' offerti lill-Portal tal-EURES.

5.2 Rakkomandazzjonijiet lill-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni, ġestit mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Fid-dawl tal-isfidi msemmija hawn fuq, l-ELA għandha tipprovdi riżorsi finanzjarji u umani adegwati lill-Uffiċċju Ewropew ta' Koordinazzjoni għall-EURES (ECO) fl-ELA, tappoġġa l-attivitajiet tal-ECO u tfittex sinerġiji mal-kompiti l-oħrajn tal-ELA, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-governanza indipendenti tal-EURES kif stabbilita mir-Regolament dwar il-EURES tal-2016. L-ECO fl-ELA għandu jagħti prijorità lill-aspetti li ġejjin:

Nru 1 Żgurar tal-konformità mar-regolament dwar il-EURES

Il-konformità sħiħa mal-bażi ġuridika tal-EURES għandha tibqa' l-ewwel prijorità għall-ECO u dan għandu jiġi rifless fl-attivitajiet u fil-kompiti kollha tagħhom. Żviluppi ulterjuri tal-portal għandhom jibqgħu f'konformità mar-Regolament dwar il-EURES u l-APIs għandhom jiġu żviluppati biex jippermettu lill-Membri u lis-Sħab ikollhom aċċess aħjar għas-CVs u l-postijiet tax-xogħol vakanti, l-appoġġ tal-NCOs fl-immappjar tagħhom tal-ESCO, l-iżvilupp ta' għodda ta' tqabbil ibbażata fuq il-ħiliet u eżempji ta' azzjonijiet għall-ECO biex jipprijoritizzaw f'dan ir-rigward.

Nru 2 Ħidma fuq is-sinerġiji bejn il-EURES u l-Europass
Bl-għan li jitrawmu sinerġiji bejn il-EURES u l-Europass għal servizzi aħjar għall-benefiċjarji tal-EURES, għandu jkun hemm rabtiet u konnessjonijiet aktar mill-qrib bejniethom it-tnejn. L-utenti tal-portal tal-EURES jistgħu jibbenefikaw minn aċċess għall-għodda tal-Europass bħala parti mill-vjaġġ tagħhom bħala utenti tal-EURES; L-utenti tal-Europass għandhom jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' xogħol fuq il-portal. Fejn possibbli, għandha ssir ħidma fuq sinerġiji addizzjonali mal-Portal Your Europe.

Nru 3 Appoġġ ulterjuri lill-NCOs fl-isforzi tagħhom għat-tkabbir tan-network
It-tkabbir tan-network ilu prijorità ewlenija għan-network tal-EURES sa mill-istabbiliment tiegħu. L-isfidi identifikati fir-Rapport Biennali preċedenti u l-evalwazzjoni *ex post* jibqgħu, peress li l-NCOs għadhom isibuha diffiċli biex jippreżentaw b'mod ċar il-valur miżjud u l-privileġġi tas-sħubija fl-EURES fid-dawl ta' ammissjoni possibbli fin-network tal-EURES. Għalhekk, l-ECO għandu jkompli jappoġġa l-NCOs fl-istabbiliment ta' strateġija dwar kif għandhom jiġu avviċinati Membri u Sħab ġodda possibbli u jkompli jiżviluppa materjal ta' appoġġ jew avvenimenti ta' tagħlim reċiproku dwar is-suġġett tal-ammissjoni.

Nru 4 Orjentazzjoni mill-ġdid tar-rapport dwar in-nuqqas u l-eċċess ta' ħaddiema u żgurar li l-EURES jikkontribwixxi b'mod sistematiku għall-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema
In-nuqqas ta' ħaddiema qiegħed dejjem aktar jidher fuq quddiem nett tal-aġenda tal-politiki nazzjonali u Ewropej dwar ix-xogħol b'diversi organizzazzjonijiet jirrapportaw regolarment dwar l-aħħar xejriet. L-ECO għandu jfittex sinerġiji ma' rapporti u inizjattivi prodotti jew promossi mill-Kummissjoni u aġenziji oħra tal-UE biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u jikkontribwixxi bl-għarfien espert tiegħu. L-ipprogrammar tal-attivitajiet, pereżempju fil-qasam tal-E(O)JDs, jista' jkun immirat b'mod sistematiku lejn l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema.

Nru 5 Żgurar tal-granularità tal-immappjar tal-ESCO

Matul l-aħħar 4 snin, ittieħdu passi sinifikanti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-klassifikazzjoni tranżnazzjonali tal-ESCO. Madankollu, il-pajjiżi tal-EURES għad għandhom diffikultajiet fl-immappjar għal-livell it-tajjeb ta' dettall. Peress li dan l-immappjar qed jintuża biex jiġi awtomatizzat it-tqabbil tas-CVs u tal-offerti ta' impjieg fuq il-portal tal-EURES, huwa essenzjali li l-immappjar ikun fih biżżejjed differenzjazzjoni fil-ħiliet u l-okkupazzjonijiet. Għalhekk, l-ECO flimkien mal-Kummissjoni jeħtieġ li jiżgura li l-immappjar jikkonforma mal-kriterji tal-kwalità identifikati u li l-livell ta' dettall meħtieġ jiġi inkluż fid-*data* pprovduta lill-EURES.

Nru 6 Investiment fit-taħriġ tal-persunal tal-EURES
L-ECO għandu jżid l-offerta tiegħu ta' taħriġ għall-persunal tal-EURES biex jiggarantixxi l-kompetenza kontinwa u l-apprendiment ulterjuri tiegħu. Il-programm ta' taħriġ għandu jiġi mmonitorjat fuq bażi kontinwa għal skopijiet ta' kwalità, evalwat, u żviluppat hekk kif il-ħtiġijiet tan-network u s-suq tax-xogħol jinbidlu wkoll fuq bażi kontinwa.

Nru 7 Appoġġ ulterjuri lill-organizzazzjoni tal-Jiem Ewropej tal-Impjiegi (Online)
Anke qabel il-pandemija tal-COVID-19, l-E(O)JDs kienu diġà qed isiru online jew b'mod ibridu. Meta jitqies is-suċċess li dawn il-Jiem tal-Impjiegi baqa' jkollhom għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi, l-ECO huwa mistieden ikompli jappoġġa dawn l-avvenimenti u jkompli jibni fuq is-suċċess tagħhom. L-ECO għandu jimmira l-E(O)JDs fuq setturi b'nuqqas ta' ħaddiema.

Nru 8 Ottimizzazzjoni ulterjuri tal-proċeduri ta' rapportar

Minkejja l-limitazzjonijiet legali, wieħed mill-iżviluppi li l-NCOs jitolbu l-aktar huwa l-integrazzjoni tal-PC u l-PMS minħabba l-piż amministrattiv li jirrappreżentaw għall-NCOs. Permezz tal-iżvilupp ta' għodod ġodda tal-IT, l-ECO għandu, meta jkun possibbli, ikompli jappoġġa l-NCOs kif ukoll jiżviluppa modi ġodda biex jiffaċilita r-rapportar.

Nru 9 Viżibbiltà akbar tal-Portal u tal-marka tal-EURES, l-esplorazzjoni ulterjuri ta' kanali ta' komunikazzjoni ġodda, l-iżvilupp ta' KPIs immirati u ż-żieda fil-kooperazzjoni mal-Kummissjoni

L-istrateġija ta' komunikazzjoni li l-ECO żviluppa hija ta' għajnuna biex tiżdied il-viżibbiltà tan-network u l-attivitajiet tiegħu. Madankollu, tista' tinstab strateġija ta' komunikazzjoni aktar fit-tul, permezz ta' kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali, sabiex jiġu rfinuti l-koerenza u l-effiċjenza tal-isforzi ta' promozzjoni, iżda wkoll biex tissaħħaħ l-immaġni tan-network maż-żmien u tiżdied il-viżibbiltà tal-Portal tal-EURES. Il-kampanja tista' tesplora ulterjorment ukoll il-benefiċċji tal-użu ta' media soċjali ġdida, speċjalment biex jiġu mmirati ż-żgħażagħ. L-ECO għandu jħeġġeġ l-identifikazzjoni ta' KPIs tajbin u għandu jkejjel l-ilħuq u l-involviment tal-komunikazzjoni/kampanji f'konformità mal-indikaturi uffiċjali tan-Network tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Peress li l-Kummissjoni qed tippjana kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali akbar, il-EURES u l-messaġġi ewlenin dwar is-servizzi tiegħu jistgħu jiġu inklużi bil-ħsieb li tiżdied il-viżibbiltà tal-EURES fil-livell Ewropew. Pereżempju, din il-kampanja tippjana li tinkludi informazzjoni dwar sinerġiji bejn il-EURES u l-Europass. B'mod partikolari, l-ECO għandu jiffinalizza l-kontribut tiegħu għall-mappa tan-network tal-Kummissjoni f'dawk li huma n-networks ta' sensibilizzazzjoni tal-UE madwar l-Ewropa u ż-ŻEE[52].

Nru 10 Konsolidazzjoni tal-użu tas-sistema tal-EU Login

It-tnaqqis fl-għadd ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u impjegaturi jirrikjedi miżuri addizzjonali biex jiġi ffaċilitat aċċess aktar faċli għall-portal tal-EURES.

5.3 Passi ewlenin għall-Kummissjoni

Sabiex tindirizza wħud mill-isfidi ta' implimentazzjoni deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni tista' ssegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt:

Nru 1 Sinerġiji bejn il-EURES u l-Europass

Il-Kummissjoni għandha tkompli taħdem mill-qrib mal-ECO sabiex tissimplifika l-vjaġġ tal-utenti għall-utenti tal-portal tal-EURES u potenzjalment tibbenefika aktar mis-sinerġiji identifikati mal-Europass (ara r-rakkomandazzjoni Nru 2 lill-ECO hawn fuq).

Nru 2 Kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali

Kif iddikjarat fir-rakkomandazzjoni Nru 10 lill-ECO hawn fuq, tista' titfittex strateġija ta' komunikazzjoni fit-tul, permezz ta' kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali, sabiex jiġu rfinuti l-koerenza u l-effiċjenza tal-isforzi ta' promozzjoni tal-EURES, iżda wkoll biex jissaħħaħ l-għarfien tan-network. B'mod partikolari, il-EURES għandu jiġi inkluż fil-kampanja ta' komunikazzjoni pluriennali komprensiva organizzata mill-Kummissjoni sabiex tiżdied il-viżibbiltà tan-Network tal-EURES u tal-Portal tal-EURES u jiġu promossi s-servizzi tiegħu fil-livell Ewropew kif propost mill-Kummissjoni fir-rapport ta' segwitu tagħha għall-Konferenza tal-Ewropa[53].

Nru 3 Żieda fil-finanzjament u l-viżibbiltà għat-TMS u s-CBPs

It-TMS u s-CBPs urew li huma partikolarment importanti peress li jrawmu l-inklużjoni u l-moviment liberu tal-ħaddiema fil-pajjiżi tal-EURES, minbarra li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol. Għalhekk, l-iżgurar ta' finanzjament futur għal dawn l-iskemi ta' mobilità jippermetti li dawk il-benefiċċji jkomplu jitgawdew u potenzjalment jiġu implimentati proġetti aktar innovattivi, ambizzjużi

[52] Mappa tal-"Unjoni Ewropea madwari". Ara hawn: https://european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt.
[53] COM/2022/404 final, Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta.

u estensivi li jistgħu jgħinu aktar lill-ħaddiema u lill-impjegaturi, b'mod partikolari billi jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u l-ostakli għax-xogħol transfruntier.